MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 3/2013/1

L-Imħallef Dottor Carmelo *sive* Lino **FARRUGIA SACCO**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU**, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell prinċipali magħmul mir-rikorrent, u żewġ appelli inċidentali, wieħed magħmul mill-intimat Avukat Ġenerali u l-ieħor magħmul mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja [aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kummissjoni”], minn sentenza mogħtija mill-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, fit-23 ta' Ottubru 2013 li permezz tagħha dik il-qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

2. Fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja fis-sens li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq skont l-artikolu 39 [2] tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"] u l-artikolu 6[1] tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"], bi provvediment mogħti mill-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tar-rikuża u/jew astensjoni magħmula minnu fil-konfront ta' żewġ membri tal-Kummissjoni, senjatament l-Imħallef Emeritu Dottor Victor Caruana Colombo u l-Avukat Dottor Reuben Balzan, kif ukoll bl-akkorċjament tat-termini "arbitrarjament fissati" mill-Kummissjoni kif spjegat fl-istess rikors; qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tagħti r-rimedji opportuni, fosthom li jiġi ordnat li dawn il-membri ma jibqgħux jifformaw parti mill-Kummissjoni, kif ukoll sabiex jingħata kumpens xieraq u adegwat għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, subita minnu.

3. Fir-rikors tal-appell imressaq minnu fit-12 ta' Novembru 2013 ir-rikorrent, għar-raġunijiet mogħtija minnu fl-istess rikors, qiegħed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ċaħdet it-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-imsemmi provvediment tal-Kummissjoni u l-akkorċjament tat-termini imposti mill-Kummissjoni huma vjolattivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq skont l-artikoli preċitati, u li tagħti r-rimedji opportuni, filwaqt li tikkonferma s-sentenza għall-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

4. Permezz ta' risposta mressqa fis-26 ta' Novembru 2013 l-appellat Avukat Generali talab li, għar-raġunijiet hemm indikati, din il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, filwaqt li tilqa' l-

appell inċidentali tiegħu, u tikkonferma s-sentenza appellata għall-bqija.

5. Permezz ta' risposta mressqa fil-5 ta' Diċembru 2013 il-Kummissjoni appellata talbet li, għar-raġunijiet hemm indikati, din il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, filwaqt li tilqa' l-appell inċidentali tagħha, u tikkonferma s-sentenza appellata għall-bqija.

**Mertu**

6. Fis-sustanza l-mertu tal-proċeduri odjerni jikkonsistu fil-pretensjoni tar-rikorrent li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, kemm bil-provvediment tal-Kummissjoni mogħti fl-10 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tiegħu għar-rikuża ta' żewġ membri tal-Kummissjoni, kif ukoll minħabba ż-żmien qasir li ngħata mill-Kummissjoni sabiex jipprepara d-difiża tiegħu.

**Is-Sentenza Appellata**

7. Peress li fiha jinsabu mfissra fid-dettal il-fatti, il-pretensjonijiet u t-talbiet magħmula mir-rikorrent, kif ukoll l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati, s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-23 ta' Ottubru 2013 ser tiġi riprodotta fl-intier tagħha:

*"Fit-18 ta' Diċembru, 2012 l-esponenti ġie notifikat b'ittra tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, akkumpanjata b'diversi dokumenti, inter alia b'mozzjoni għall-għemil ta' indirizz lill-President skont l-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li biha l-Kamra tad-Deputati qed titlob lill-President sabiex jitneħħa mill-kariga tiegħu ta' Imħallef mill-Qrati Superjuri;*

*"Fis-27 ta' Diċembru, 2012 (data lilu mposta mill-istess Kummissjoni) l-esponenti intavola r-risposta jew dikjarazzjoni tiegħu, anke jekk ma naqasx milli jilmenta miż-żmien qasir lilu allokat għal tali fini;*

*"In linea preliminari, u fit-termini ta' l-artikolu 101 A (4) (b) tal-Kostituzzjoni u ta' ċerti prinċipji assodati sija taħt l-istess Kostituzzjoni, kif ukoll taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, fid-dikjarazzjoni tiegħu l-esponenti ssolleva b'eċċezzjoni r-rikuża tal-membri tal-Kummissjoni, l-Onorevoli Imħallef Victor Caruana Colombo u tal-Avukat Dottor Reuben Balzan, u dan għar-raġunijiet espressi fl-istess dikjarazzjoni, kif riportat hawn taħt:*

*"A. PRELIMINARI:*

*"L-Imħallef Lino Farrugia Sacco qiegħed jitlob ir-rikuża tas-sinjuri segwenti:*

*"(a) L-Imħallef Victor Caruana Colombo minħabba li hu maħtur mill-Prim Ministru li ressaq il-mozzjoni (il-persuna li ħatritu hija l-persuna li għamlet il-mozzjoni) (Kap 12 – 734(1) (h)); li ukoll kien wieħed milli wasal għad-deċiżjoni tal-2007 u għalhekk il-mertu ġja ġie quddiemu (Kap 12 – 734(1) (d) (ii);*

*"(b) Dr Reuben Balzan minħabba l-konnessjonijiet kbar li għandu ma' Dr Simon Busuttil – Deputat Kap tal-Partit Nazzjonalista – li ġja esprima ruħu bl-aktar mod skjett kontra l-Imħallef Farrugia Sacco. Hemm l-element ta' l-affiljazzjoni.*

*"L-eċċezzjoni tar-rikusazzjoni mhix waħda kapriċċuża. Kien il-Prim Ministru li, b'inizjattiva improvida assuma l-paternita` ta' l-akkużi fil-konfront ta' l-Imħallef Farrugia Sacco, u kien hu, flimkien mad-Deputat tiegħu Dr Simon Busuttil li fil-pubbliku ddemonizżaw lill-Imħallef u invokaw għal aktar minn darba r-riżenja tiegħu. Evidentement, għar-raġunijiet premessi, iż-żewġ membri, li tagħhom qed tintalab ir-rikuża, ma jistgħux jitqiesu mparzjali u oġġettivi, jew, almenu, ma jistgħux jitqiesu li ser javviċinaw il-materja ħlief minn viżjoni u disposizzjoni pre-determinata. Fi kliem ieħor, teżisti a reasonable apprehension of bias, ossija, skont id-dottrina Ingliża a real possibility of bias, u dan jimmilita biex dawn iż-żewġ membri jastjenu, jew jiġu rikużati. Ma jkunx inopportun li jiġi senjalat illi, ankorke`*

*skont il-Kap 12, ma jkunx hemm lok ta' rikuża u/jew ikun hemm divjet ta' astensjoni, xorta waħda tista' tinħoloq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' individwu (ara* ***Irene Bonello vs Onor Prim Ministru*** *– Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' April, 2000). Il-każ preżenti jirrientra wkoll f'din l-inkwadratura"*

*"Ta' min isemmi dak preskritt mill-artikolu 101A (4) (b) tal-Kostituzzjoni li jagħmilha ċara li membru tal-Kummissjoni għandu jastjeni u jista' jiġi rikużat fl-istess ċirkustanzi bħal Imħallef tal-Qrati Superjuri.*

*"Fil-kors tal-ewwel seduta tenuta fit-3 ta' Jannar, 2013 ġiet dibattuta l-eċċezzjoni surreferita, kif ukoll l-astensjoni tal-Avukat Ġenerali, qua membru ieħor tal-istess Kummissjoni. Inoltre, sua sponte l-Prim Imħallef, Chairman ta' l-istess Kummissjoni, attira l-attenzjoni għall-fatt illi, meta huwa kien għadu jivvesti l-kariga ta' Avukat Ġenerali, huwa kien ipparteċipa fid-deliberazzjonijiet u deċiżjoni li kienet tat l-istess Kummissjoni fis-27 ta' Diċembru, 2007 di fronte għall-esponenti. Fl-istess seduta Dr Sciberras talab jekk l-Avukat Generali jikkonfermax jekk il-Prim Minsitru jew l-Eżekuttiv ikkonsultax miegħu jew id-Dipartiment tiegħu, b'mod dirett jew indirett, fuq il-materja oġġett tal-mozzjoni preżentata mill-Prim Ministru u dana mingħajr il-ħtieġa ta' ġuramenti.*

*"Fl-10 ta' Jannar, 2013 fin-12.30 p.m. l-Imħallef Farrugia Sacco rċieva kopja tal-minuti u annessa magħha s-segwenti dikjarazzjoni mhux iffirmata:*

*""Dr. Peter Grech, l-Avukat Ġenerali, b'riferenza għall-verbal magħmul minn Dr. Philip Sciberras, għan-nom ta' l-Imħallef Farrugia Sacco fejn talab dikjarazzjoni jekk hemmx raġunijiet għall-astensjoni ta' l-Avukat Ġenerali milli jkompli jieħu konjizzjoni tal-każ, jiddikjara li ma hemm ebda raġuni skont il-liġi li tagħti lok għal tali astensjoni."*

*"Fuq it-talba tal-esponenti biex jiġi konċess jippreżenta Nota ta' sottomissjonijiet riferibilment dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża minnu mqanqla, il-Kummissjoni għall-ewwel ippretendiet li tali Nota tiġi ppreżentata mhux aktar tard*

*mill-għada, 4 ta' Jannar, 2013, u kien biss fuq insistenza tal-istess esponenti għal aktar żmien raġonevoli, illi l-Kummissjoni ikkonċedietlu sat-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2013 fid-9.00 am, kif hekk ukoll ippreferġġiet lill-kontro-parti, l-Onor. Prim Ministru;*

*"Fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2013 fil-ħin tas-2.10 pm il-Kummissjoni, kolleġġjalment komposta, kompriż il-membri li tagħhom intalbet ir-rikuża, ipprovdiet fuq l-eċċezzjoni tar-rikuza sollevata billi ċaħditha (ara Dokument anness). Fuq it-talba tal-esponenti biex jeżamina l-provvediment mogħti flimkien mal-konsulenti legali tiegħu l-Kummissjoni ikkonċedietlu biss għaxar (10) minuti għal tali skop;*

*"Meta reġa' ġie msejjaħ mill-Kummissjoni, l-esponenti, tramite il-konsulenti legali tiegħu, talab li l-Kummissjoni tissoprassjedi sabiex huwa jkun jista' jipproċedi quddiem dan il-forum idoneju għat-tutela tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Kummissjoni iddeliberat għal xi ħames (5) minuti u mingħajr ebda motivazzjoni għarrfitu li t-talba tiegħu għas-soprassessjoni ġiet miċħuda, u li kienet ser tgħaddi 'l quddiem biex tissokta bis-smiegħ. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti ma kellux xelta oħra ħlief li jitlob il-permess biex joħroġ il-barra mis-seduta ħalli b'hekk ma jiġix irremedjabilment ippreġudikat il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;*

*"Huwa paċifikament konsolidat f'ġurisprudenza, sew lokali, kif ukoll internazzjonali, illi fejn teżisti apprensjoni raġonevoli, skont is-soliti kriterji soġġettivi jew oġġettivi, illi persuna aġġudikanti mhiex indipendenti u imparzjali, jew almenu jkun hekk manifest skont il-kriterju ta' osservatur pensanti u raġonevolment ekwilibrat illi dak l-istess aġġudikant huwa parzjali, jinkombi, b'obbligu, illi dan jastjeni jew jiġi rikużat, u dan in omaġġ għall-prinċipju magħruf fl-Istat ta' Dritt f'soċjeta' demokratika, u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u tal-imparzjalita` manifestata, illi tabilħaqq il-ġustizzja verament tkun tidher li qegħda issir. Hekk għamel f'dan il-każ il-President tar-Repubbblika li, fil-każ l-ieħor tal-2007 aġġudikat mill-Kummissjoni, kien ippatroċina lill-esponenti; il-President ta' Malta biex iserraħ moħħ kulħadd dwar l-imparzjalita`*

*totali, għażel li jastjeni minn din il-kwistjoni u ta eżempju sabiħ ta' tħaddim ta' dawn il-prinċipji f'soċjeta` demokratika. Kien dover ta' membri oħra li jikkupjaw l-eżempju tajjeb tal-President ta' Malta.*

*"Mhemmx dubbju illi l-proċess imniedi fil-konfront tal-esponenti ad istanza tal-Prim Ministru huwa politikament ikkargat, kif wara kollox hu saħansitra hekk aċċettat u ammess mill-istess intimati, u allura, kif rikonoxxut minn ġurisprudenza kopjuża, kull persuna li hi mgħobbija bl-oneru li tiġġudika hi fid-dover li tastjeni u/jew li tiġi rikużata jekk jeżisti dubju leġittimu ta' imparzjalita` meta rigwardata fil-qafas tal-fiduċja pubblika u tal-ogħla sentiment tar-raġonevolezza;*

*"Fil-każ preżenti ġie sottomess quddiem il-Kummissjoni illi l-Avukat Reuben Balzan huwa "managing partner" fil-firm ta' avukati kapeġġjata mill-Onorevoli Ministru Francis Żammit Dimech, membru tal-Kabinet li ivvota dwar il-mozzjoni, u li, dippju', kien involut b'mod qawwi fl-elezzjoni tal-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista Dottor Simon Busuttil li, bħall-Prim Ministru, b' mod voċiferu u sa' minn qabel il-Kummissjoni bdiet tieħu konjizzjoni tal-każ, pubblikament sejħu għar-riżenja minn Imħallef tal-esponenti;*

*"Fil-każ tal-Onor. Imħallef Caruana Colombo ġie sottomess illi n-nomina tiegħu bħala membru fuq il-Kummissjoni saret mill-istess Prim Ministru akkużatur, u dan, flimkien mal-konsiderazzjoni illi hu kien ukoll membru tal-istess Kummissjoni fil-każ tal-2007, kien biżżejjed biex jallerta lill-Kummissjoni illi r-rikuża mitluba kienet għal kollox flokha u ben fondata.*

*"Fil-każ tal-Avukat Ġenerali, għalkemm ir-rikuża ma ntalbetx formalment, dan illimita ruħu biex jgħid li ma ħassx li kellu jastjieni. Imkien ma ngħad minnu, għad-domanda mressqa, jekk huwa, jew l-uffiċċju tiegħu, direttament jew indirettament, ġewx ikkonsultati mill-Prim Ministru dwar il-każ in eżami. Dan, apparti wkoll, il-konsiderazzjoni illi l-kariga ta' Avukat Ġenerali hi intrinsikament marbuta mal-figura tal-Prim Ministru u hu*

*wkoll id-difensur statutorju tal-istess Prim Ministru u tad-diversi Ministeri u Dekasteri;*

*"Inoltre, l-esponenti ma jistax ma jirrilevax illi t-termini akkorċjati u mgħaġġla iffissati mill-Kummissjoni, konsiderat l-implikazzjonijiet tal-każ għall-esponenti, ex facie huma wkoll indikattivi illi lill-esponenti ma ġiex akkordat żmien suffiċċjenti u raġonevoli sabiex huwa jistudja sewwa l-każ u l-akkużi rinfaċċjati lilu, jipprepara kif jixraq d-difiżi tiegħu, u jagħmel ir-riċerki neċessarji għas-sostenn tal-istess difiżi;*

*"Fil-kumpless ta' dawn iċ-ċirkustanzi għandu jirriżulta ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, in partikolari, li jkun aġġudikat minn membri tal-Kummissjoni indipendenti u imparzjali, u li jkollu smigħ xieraq;*
*"Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*"Tiddikjara u tiddeċiedi li, l-provvediment tal-istess Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2013, li permezz tiegħu ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tar-rikuża u/jew tal-astensjoni, tal-membri fuq imsemmija, komponenti l-istess Kummissjoni, u l-akkorċjament tat-termini, kif hawn fuq imfisser, arbitrarjament iffissati mill-Kummissjoni, ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq minn Kummissjoni indipendenti u mparzjali, kif sancit fl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap 319);*

*"Tagħti dawk l-ordnijiet ( inkluż tordna li l-membri hawn fuq indikati, jew min minnhom ma jiffurmawx parti mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni għall-Ġustizzja għal dan il-kaz), toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti skont kif hekk iggarantiti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni surreferita;*

*"Tikkwantifika, okkorrendo, il-kumpens xieraq u adegwat għal-leżjoni mġarrba mill-esponenti u tordna lill-intimati,*

*jew min minnhom, iħallsu lill-esponenti l-ammont hekk kwantifikat, u dan taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*"Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-intimati.*

*"Rat id-dokumenti annessi.*

*"Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, li in forza tagħha, dan eċċepixxa illi:*

*"Fl-ewwel lok u in linea preliminari:*

*"(i) Din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent u dan abbażi ta' l-Artikolu 101A(7) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jistipula illi -*

*"Fit-twettiq ta' dmirijiethom il-membri tal-Kummissjoni u ta' xi wieħed mill-Kumitati tagħha għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra." u, wisq iżjed, abbażi ta' l-Artikolu 101A(14) tal-istess Kostituzzjoni li jgħid illi:*

*""Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."*

*"Huwa ċar għalhekk li l-intenzjoni tal-leġislatur li tirriżulta mill-Kostituzzjoni hija fis-sens illi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha tkun organu Kostituzzjonali li taġixxi ndipendentement minn kull organu ieħor ta' l-Istat kemm jekk Leġislattiv, kemm jekk Eżekuttiv kif ukoll Ġudizzjarju. Dan huwa wkoll konformi man-neċessita` illi dik il-Kummissjoni, illi hija mfassla mil-leġislatur bħala Kummissjoni bilanċjata b'nomini minn firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet u illi l-poteri tagħha huma fi kwalunkwe każ strettament limitati u ma jestendux għal poter ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinarji fuq il-ġudikant, tkun indipendenti.*

*"Għalhekk l-esponent jissolleva illi għal din l-eċċezzjoni tiegħu lanqas ma għandha tosta l-ġurisprudenza li tassoġġetta lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi Kummissjoni Kostituzzjonali oħra għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati in kwantu għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*"Dan jingħad wisq iżjed f'dan il-każ fejn dak allegat mir-rikorrent ma jinkwadrax fil-kuntest ta' protezzjoni ta' drittijiet fundamentali kif imfisser fit-tielet eċċezzjoni preliminari.*

*"(ii) Subordinatament, illi r-rikorrent ma jispeċifikax jekk f'din il-kawża huwa ħarrikx lill-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Gvern skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12 jew jekk minflok ħarrkux għax huwa ex ufficio membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.*

*"Fiż-żewġ każijiet it-taħrika ta' l-esponent hija inutili u infondata. Dan għax jekk l-esponent huwa imħarrek fl-eżerċizzju tal-funzjoni tar-rappreżentanza residwa tal-Gvern in kwantu jirrappreżenta l-Istat fit-termini ta' l-Artikolu 181B, t-taħrika tiegħu hija inutili stante illi ma tissusistix sitwazzjoni fejn il-kawża qegħda ssir kontra l-Gvern u minħabba n-natura tat-talba din ma tistax tiġi diretta kontra xi wieħed jew iżjed mill-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern; u jekk l-Avukat Ġenerali ġie mħarrek in kwantu ex ufficio membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja hemm duplikazzjoni u konfużjoni ta' taħrikiet peress illi l-istess Kummissjoni hija ukoll imħarrka. Għal dawn il-motivi l-esponent jeċċepixxi illi huwa ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*"(iii) In kwantu, ir-rikorrent ma talabx formalment ir-rikuża ta' l-Avukat Ġenerali u tal-Prim Imħallef quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u f'din il-kawża qiegħed jimplika illi bil-preżenza tagħhom fl-istess*

*Kummissjoni huwa se jsofri leżjoni tad-dritt tiegħu ghal smiegħ xieraq, ir-rikorrent naqas li jeżawrixxi r-rimedji ordinarji tiegħu u jsegwi għalhekk li din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawn jistgħu jirrigwardaw lill-imsemmija membri tal-Kummissjoni.*

*"(iv) In kwantu bażata fuq l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-azzjoni tar-rikorrent hija nsostenibbli u dan peress illi d-drittijiet ta' smiegh xieraq applikabbli skont dawk l-Artikoli japplikaw biss għal organi li jiddeterminaw drittijiet jew obbligi ċivili jew akkużi kriminali u l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma għandhiex dawk il-funzjonijiet kif jirriżulta b'mod ċar mill-Artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Kap 369).*

*"Fit-tieni lok, subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jsegwi għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2013 fejn ċaħdet it-talba għar-rikuża ta' żewġ membri tagħha fi kwaulunkwe każ ma tikkostitwixxix ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq.*

*"L-esponent issa sejjer jgħaddi biex jirrispondi seriatim għal dak allegat fir-rikors promotur:*

*"i) Illi l-paragrafi (1), (2) u (3) tar-rikors promotur ma humiex kontestati.*

*"ii) Illi kwantu għall-paragrafu (4) u b' mod partikolari l-kontenut ta' l-aħħar sentenza ta' l-ewwel paragrafu tiegħu l-esponent jissolleva illi l-parti għandha d-dritt illi tirrikuża membru tal-Kummissjoni filwaqt illi jekk membru tal-Kummissjoni jkun jidhirlu li hemm raġuni fil-liġi li għaliha huwa għandu jastjenti huwa għandu jagħmel hekk. F'dan il-każ rikuża ma saritx u ma huwiex previst mil-liġi illi n-nuqqas ta' rikuża jista' jiġi segwit (jew, biss għall-grazzja ta' l-argument, rimedjat) bi proċedura inkwiżizzjonarja biex membru tal-Kummissjoni jiġi imġiegħel bi prepotenza jastjenti minn rajh anke kontra l-*

*konvinzjoni tieghu. Pero` f'dan il-każ ir-rikorrent hekk ipprova jagħmel u fil-fatt iddetta domanda bl-aktar firxa wiesgħa possibbli anke jekk mhux bazata fil-liġi u esiġa b' awtorita` li l-esponent jirrispondih, għall-bidu bil-ġurament iżda wara ikkonċedielu li ma jiġġuramentahiex. Illi l-esponent jissottometti illi din il-proċedura hija inawdita u kontra l-liġi. Jekk ir-rikorrent jemmen illi l-Prim Ministru kien ħa parir minn għand l-esponent dwar dan il-proċess ta' tneħħija skont l-Artikolu 97 tal-Kostituzzjoni kien imissu irrikuża lill-esponent u ressaq lill-Prim Ministru bħala xhud biex jipprova l-fatt allegat iżda la darba ma għamilx hekk huwa ma jistax jesiġi illi jtella' xhieda jew, wisq inqas illi jitlob dikjarazzjonijiet minn għand membri tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward ir-rikorrent naqas li jeżawrixxi r-rimedji ordinarji u t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni fil-formula tiegħu jew astensjoni hija frivola u vessatorja in kwantu diretta lejn l-iżvijar tal-proċeduri.*

*"iii) In kwantu għall-kumplament tal-paragrafu (4) l-esponent, għad li ma kienx obbligat jagħmel dikjarazzjonijiet, ivverbalizza dikjarazzjoni quddiem il-Kummissjoni fejn iddikjara li ma kien hemm ebda raġuni skont il-liġi li tagħti lok għal astensjoni. Huwa inġust illi r-rikorrent jiddeskrivi din id-dikjarazzjoni bħala dikjarazzjoni mhux iffirmata biex jimplika li min għamilha ma assumiex responsabbilita` għaliha għax kif jaf ir-rikorrent dak li jiġi verbalizzat anke fil-proċessi quddiem il-Qrati ma jiġix iffirmat għax ikun hemm il-Qorti stess (u f'dan il-każ il-Kummissjoni) xhud tiegħu.*

*"iv) Illi l-esponent fir-rwol tiegħu ta' Avukat Ġenerali ma għandux kummenti x' jagħmel dwar il-kontenut tal-paragrafi (5), (6) u (7).*

*"v) Illi dwar il-paragrafu (8) l-esponent josserva illi kwistjonijiet dwar rikużi u astensjonijiet quddiem il-Kummissjoni jiġu deċiżi fil-Kummissjoni stess u skont il-Kostituzzjoni ma jispetta lil ebda organu ieħor illi jiddeċiedi dawn il-kwistjonijiet għall-Kummissjoni jew li jiċċensura jew ifaħħar lill-Kummissjoni jew li ifaħħar jew imaqdar xi membru tagħha.*

*“vi) Illi dwar il-kontenut tal-paragrafu (9) l-esponent joġġezzjona għall-allegazzjoni fis-sens illi huwa qatt aċċetta illi l-proċess imniedi kontra r-rikorrent huwa ‘politikament ikkargat’. Huwa ċar illi kull proċess parlamentari huwa wieħed ‘politiku’ pero` dan ma jġibx bħala konsegwenza illi fl-egħmil tar-rapport tagħhom lill-Kamra tar-Rappreżentanti l-membri tal-Kummissjoni ma jistgħux jaġixxu jew hemm suspett raġjonevoli li mhumiex sejrin jaġixxu skont il-ġudizzju ndividwali tagħhom u b’mod apolitiku kif del resto trid il-Kostituzzjoni. Fuq dan il-Kummissjoni diġa’ esprimiet ruħha fid-deċiżjoni tal-10 ta’ Jannar 2013.*

*“vii) Illi dwar il-kontenut tal-paragrafi (10) u (11) dan diġa’ ġie trattat mill-Kummissjoni fid-deċizjoni tagħha tal-10 ta’ Jannar 2013 u din il-Qorti ċertament li ma għandhiex il-funzjoni ta’ Qorti ta’ l-Appell mill-Kummissjoni.*

*“viii) Illi dwar il-kontenut tal-paragrafu (12) m’huwiex korrett illi jingħad illi fil-verbal li għamel quddiem il-Kummissjoni l-esponent illimita ruħu biex jgħid illi ma ħassx li kellu jastjeni. Kuntrarjament għal dak dikjarat mir-rikorrent l-esponent kien irrefera għal-liġi u kien iddikjara li ma kien hemm ebda raġuni fil-liġi li kienet tagħti lok għall-astensjoni tiegħu. Il-liġi fl-Artikolu 734(1)(d)(i) tobbliga l-astensjoni fil-każ li l-ġudikant “ ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha” u allura huwa ċar illi meta ddikjara li ma kien hemm xejn fil-liġi li jagħti lok għall-astensjoni l-esponent kien qiegħed impliċitament ukoll jiddikjara, inter alia, li ma tax parir fuq il-kwistjoni li kellha quddiemha l-Kummissjoni. Illi fit-tieni parti tal-istess paragrafu r-rikorrent jissolleva dak li l-esponent jaħseb illi hija l-vera raġuni għat-talba għall-astensjoni mingħajr rikuża tiegħu u ċioe` illi ‘l-kariga ta’ l-Avukat Ġenerali hija ntrinsikament marbuta mal-figura tal-Prim Ministru u hu ukoll id-difensur statutorju ta’ l-istess Prim Ministru u tad-diversi Ministeri u Dekasteri”. Iżda hawnhekk ukoll ir-rikorrent huwa skorrett fl-analiżi tal-kariga ta’ l-Avukat Ġenerali u qiegħed pjuttost joqogħod fuq il-perċezzjoni popolari, manipulata u superfiċjali li*

*tiddomina l-istampa elettronika milli fuq il-liġi u fuq il-fatti. Il-kariga ta' l-Avukat Ġenerali hija kariga kostituzzjonali u għandha l-istess protezzjoni ta' ndipendenza kostituzzjonali tal-karigi fil-ġudikatura. Huwa veru li l-Avukat Ġenerali jiddefendi l-kawżi tal-Gvern u għandu wkoll ir-rappreżentanza residwa tal-Gvern u ta' l-Istat skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12 pero` huwa veru wkoll illi f'dik il-vesti huwa jiddefendi l-legalita` ta' dak li jagħmel il-Parlament u tas-sentenzi tal-ġudikatura meta dawn jiġu mpunjati kemm fil-Qrati domestiċi kif ukoll f'dawk internazzjonali. F'materja ta' istituzzjoni jew twaqqif ta' proċeduri kriminali u f'kull materja ohra fejn il-liġi tistipula li huwa għandu jeżerċita xi poter skont il-ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali huwa anke skont il-Kostituzzjoni (Art 91(3)) mogħti l-inkariku li jiddeċiedi skont il-ġudizzju ndividwali tiegħu biss bl-istess mod kif inhu mogħti l-inkariku li jaġixxi bħala membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni. Għalhekk il-kummenti fil-paragrafu (12) dwar l-Avukat Ġenerali huma barra minn posthom f' att ġudizzjarju.*

*"ix) Illi dwar il-kontenut tal-paragrafu (13) l-esponent ma jaqbilx illi r-rikorrent ma ingħatax żmien biex jiddefendi ruħu b' mod effettiv fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.*

*"x) Illi l-paragrafu (14) huwa konklużjoni u rikapitolazzjoni illi l-esponent ma jħossx illi għandu jikkummenta dwarha ut sic.*

*"Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, mhemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent skont l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u t-talbiet tar-rikorrent għandhom konsegwentement jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*"Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, li in forza taghha eċċepixxa illi:*

*"Dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent billi hija ma għandhiex il-ġurisdizzjoni li tissindika l-mertu quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ("il-Kummissjoni") jew li taġixxi bħala qorti tal-appell fuq mertu ta' proċeduri li ġja ġie deċiż mill-istess Kummissjoni. Ir-rikorrenti qed jippretendi li jottjeni minn dina l-Onorabbli Qorti, qorti ta' ġurisdizzjoni straordinarja, dak li ma rnexxilux jottjeni quddiem il-Kummissjoni.*

*"Mingħajr preġudizzju għall-premess, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet imressqa mir-rikorrent billi l-ilment dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dejjem jekk applikabbli għall-proċeduri li qed jinstemgħu quddiem il-Kummissjoni, ħaġa li bl-ebda mod qed tiġi konċessa mill-esponent, għandu jiġi sindikat f'għeluq il-proċeduri ordinarji quddiem il-Kummissjoni u wara li tingħata d-deċiżjoni mill-istess Kummissjoni f'dawk il-proċeduri u dan billi kif ripetutament ġie ritenut mill-Qrati Maltin kif ukoll mill-Qorti Ewropea, il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza ta' dina l-Qorti hija li tara jekk kienx hemm nuqqas ta' smigħ xieraq fl-isfond tal-proċeduri sħaħ u mhux f'pezzi ta' dawk il-proċeduri. Dan għaliex jinkombi l-ewwel fuq il-Kummissjoni se mai, li tidderieġi l-proċeduri quddiemha b'tali mod li tista' bid-direzzjoni tagħha tindirizza r-rekwiziti ta' smigħ xieraq.*

*"Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ukoll għaliex l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea invokati mir-rikorrent mhumiex applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Kummissjoni u li konsegwentement ir-rikorrent m'għandux dritt għall-ebda rimedju fiċ-ċirkostanzi tal-każ billi l-proċess quddiem il-Kummissjoni huwa sui generis, forma ta' għarbiel li mhux ekwiparabbli ma' xi forma ta' proċedura ta' prima stanza.*

*"Fil-proċeduri quddiem il-Kummissjoni mhijiex ser issir xi determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. La hemm*

*akkuża jew talba li tikkostitwixxi xi att kriminali u lanqas kwistjoni ċivili. Dawn il-proċeduri la jistgħu jispiċċaw b'xi sentenza kriminali jew xi danni ċivili kontra r-rikorrent u lanqas xi forma ta' proċeduri dixxiplinari.*

*"Minkejja li l-art. 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea joffru protezzjoni ta' smigħ xieraq fi proċeduri li jwasslu għal 'determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu', l-esponent umilment jissottometti, li l-eżitu finali tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni huma sempliċement tiftixa prima facie jekk kienx hemm imġieba ħażina da parti tar-rikorrent. Dan mhux eżami u determinazzjoni in funditus, iżda sempliċement investigazzjoni prima facie.*

*"Bla preġudizzju għall-argument li hawn m'hawnx dritt/obbligu ċivili jew akkuża kriminali, se mai, id-determinazzjoni ssir quddiem il-Parlament, u huwa se mai, il-Parlament li huwa finalment marbut bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6.1 tal-Konvenzjoni.*
*"F'din il-funzjoni, il-Kummissjoni mhix qed teżerċita xi poter ta' dixxiplina u lanqas mhi qed tieħu xi inizzjattiva għaliex dan il-proċess skatta in segwitu ta' mozzjoni li ġiet imressqa fil-Parlament. Il-Kummissjoni hija biss tenuta li tassigura li min ser jaġixxi b'mod dixxiplinari, ċioe` il-Parlament, għandu għallinqas bażi biex jagħmel dan l-eżerċizzju, għax jekk le, il-ħsara li tista' ssir lill-ġudikant u lill-ġudikatura tkun serjissima.*

*"Isegwi għalhekk illi fil-mansjoni preżenti tagħha, il-Kummissjoni tista' tiġi ekwiparata ma' entita` investigattiva li bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati tiġbor dawk il-provi neċessarji sabiex tiddetermina jekk hemmx verament każ prima facie li jista' mbagħad jiġi kkonsidrat mill-Parlament. Fl-aħħar mill-aħħar u fl-eventwalita` biss illi l-Kummissjoni ssib li jeżisti każ prima facie, huwa l-Parlament li ser ikollu jiġġudika u jiddetermina l-mozzjoni proposta. Il-Parlament ikollu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu wara smigħ ġdid quddiemu u l-Parlament jasal għall-konklużjonijiet tiegħu mingħajr ebda rbit mill-konklużjonijiet raġġunti mill-Kummissjoni. Isegwi allura illi l-proċeduri quddiem il-Kummissjoni ma jistgħu qatt*

*iwasslu għal xi leżjoni ta' dritt fundamentali kontrarjament għal dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti.*

*"Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, u f'każ biss illi dina l-Qorti jidhrilha illi l-proċeduri quddiem il-Kummissjoni huma sindakabbli minnha fid-dawl tal-garanziji ta' smigħ xieraq kif sanċiti f'artikli 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6.1 tal-Konvenzjoni Ewropea, hawn ukoll l-esponent jopponi d-diversi allegazzjonijiet li qed jiġu avvanzati mir-rikorrenti fil-konfront taż-żewġ membri tal-Kummissjoni in kwistjoni.*

*"Jibda biex jingħad illi l-involviment ta' xi membru jew membri li ħadu sehem fid-deliberazzjonijiet li wasslu għall-komunika tal-2007, tista' tkun materjali biss jekk tali delibera u komunika tal-2007 jikkostitwixxu :-*

*"(a) L-istess mertu tal-proċeduri pendenti quddiem il-Kummissjoni fil-preżent, u*

*"(b) 'deċiżjoni mogħtija mill-[membru], meta ma tkunx qatgħet definittivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet.'*

*"Il-komunika maħruġa mill-Kummissjoni fl-2007 kienet tirrigwarda jekk ir-rikorrent setax ikun uffiċċjal tal-Kumitat Olimpiku Malti u l-konklużjoni ta' opinjoni negattiva ġiet komunikata lir-rikorrent. Il-Kummissjoni sempliċement ġibdet l-attenzjoni tiegħu għal dan, mingħajr 'ma qatgħet definittivament il-mertu tal-kwistjoni'.*

*"Wara li r-rikorrent injora l-informazzjoni, dan il-fatt ġie komunikat lill-Ministru tal-Ġustizzja għax il-Kummissjoni ma setgħet tagħmel xejn aktar. Dan kien il-limitu tal-poteri tagħha u l-parteċipazzjoni tal-ġudikatura fid-diskussjoni għax inkella kien ikun hemm lok għall-akkuża li jkun hemm indħil fil-qadi ta' dmirijiet tal-imħallef minn ħaddieħor li mhux permess mill-Kostituzzjoni.*

*"Il-mertu tal-proċedura preżenti huwa differenti għax jitratta d-domanda jekk hemmx każ prima facie għall-imġieba ħażina naxxenti mill-fatt li r-rikorrent injora l-*

*informazzjoni li kellu dwar l-inkompatibilita` tal-uffiċċju tiegħu fil-Kumitat Olimpiku Malti maħruġa mill-Kummissjoni u kif ikkostitwita mill-Kostituzzjoni b'funzjonijiet ċari li joħorġu regoli tal-etika u jinterpretawhom in concreto: kienet x'kienet ir-regola partikolari. Għaldaqstant, anke li kieku wieħed kellu b'xi mod jara l-kwistjonijiet huma identiċi, li manifestament mhumiex, fil-komunika tal-2007 dawk il-Membri tal-Kummissjoni kolleġġjalment gibdu l-attenzjoni tar-rikorrenti u ma tawx deċiżjoni li taqta' definittivament il-mertu tal-kwistjoni.*

*"Kien hemm biss interpretazzjoni ta' regoli tal-etika u ġbid tal-attenzjoni. Isegwi li mhemmx obbligu fuq il-Membri tal-Kummissjoni sabiex jirrikużaw ruħhom abbażi tal-Artiklu 734 (1) (d) tal-Kodiċi.*

*"B'żieda mal-premess, qed jiġi allegat ukoll mir-rikorrenti li ladarba l-Imħallef Emeritus Victor Caruana Colombo ġie appuntat mill-esponent bħala membru tal-Kummissjoni, jeżisti konflitt jew aħjar li mhuwiex imparzjali u indipendenti.*

*"Hawn ukoll din l-allegazzjoni hija infondata għar-raġunijiet li ġejjin:*

*"Fl-ewwel lok, l-esponent bħala l-Prim Ministru, appuntah fil-kapaċita` tiegħu uffiċċjali ta' Prim Ministru u mhux personalment jew fil-kapaċita` tiegħu bħala Membru Parlamentari u l-Imħallef Emeritus Caruana Colombo la hu r-rappreżentant tal-Prim Ministru u lanqas il-fiduċjarju tiegħu. m'għandux xi obbligi legali u lanqas lealtajiet lejn min innominah. Dan japplika wkoll għall-persuna nominata mill-Kap tal-Oppożizzjoni.*

*"Fit-tieni lok, il-fatt illi l-mozzjoni quddiem il-Parlament ġiet proposta mill-Prim Ministru juri jekk xejn li l-mozzjoni fil-Parlament ġiet imressqa minnu fil-kapaċita` uffiċjali tiegħu wara awtorizzazzjoni tal-Kabinett u m'għandux interess personali fiha.*

*"Finalment, l-Imħallfin kollha jafu n-nomina tagħhom lill-Prim Ministru in rappreżentanza tal-gvern iżda b'daqshekk dan ma jfissirx li l-Imħallfin kollha għandhom jastjenu f'kull kawża li fiha l-Prim Ministru u/jew il-Gvern ikun parti.*

*"Għal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-konfront tal-President tal-Kamra tal-Avukati, dawn ukoll huma infondati għaliex ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment fis-sens illi din il-persuna esprimiet ruħha direttament dwar il-każ iżda illi persuna oħra li miegħu hemm konnessjonijiet, esprima ruħu fil-pubbliku. Fiċ-ċirkostanzi, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent mhumiex ippruvati.*

*"Fuq kollox l-art. 101A tal-Kostituzzjoni li bih twaqqfet il-Kummissjoni, u senjatament fis-sub-artiklu 7, jipprovdi li kull membru għandu jaġixxi skont il-ġudizzju individwali tiegħu u ma jkunx soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra. F'dan il-każ mhemm l-ebda ilment jew xi forma ta' prova illi l-Avukat Reuben Balzan mhuwiex qed josserva d-dettami tal-artiklu hawn ċitat.*

*"Għal dak li jirrigwarda l-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali, jirriżulta illi matul il-proċeduri quddiem il-Kummissjoni, ma tressqet l-ebda eċċezzjoni formali ta' rikuża fil-konfront tiegħu.*

*"Apparti għalhekk il-kwistjoni illi fil-konfront tal-Avukat Ġenerali, ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedju ordinarju tiegħu quddiem l-istess Kummissjoni sabiex jitlob ir-rikuża tiegħu b'mod formali, bil-konsegwenza għalhekk illi dina l-Qorti ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha dwar dan l-aspett tal-każ, jirriżulta illi l-istess Avukat Ġenerali għamel dikjarazzjoni formali waqt il-proċess quddiem il-Kummissjoni fejn ġie dikjarat illi ma kienet teżisti l-ebda raġuni li setgħet twasslu sabiex jastjeni.*

*"Kif jirriżulta waqt is-smigħ tal-każ, l-esponent fl-ebda stadju, b'mod dirett jew indirett ma avviċina jew talab xi parir lill-Avukat Ġenerali u jekk xejn jirriżulta illi ġew inkarigati avukati għal kollox indipendenti mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali proprju sabiex tiġi rispettata l-*

*indipendenza tal-Avukat Ġenerali bħala membru tal-Kummissjoni.*

*"Fl-aħħarnett, kwantu għall-ilment illi r-rikorrent ma ngħatax żmien adegwat u raġjonevoli mill-Kummissjoni, filwaqt li tali termini jiġu ffissati mill-Kummissjoni, għandu jiġi rilevat illi kif jidher mir-risposta intavolata mir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' tliet avukati, jidher ċar illi kuntrarjament għal dak li qed jiġi allegat, ir-rikorrent fehem tajjeb il-każ u l-akkużi li saru fil-konfront tiegħu u li ċertament kellu żmien adegwat għal dan l-iskop. Dan apparti l-fatt illi l-Kummissjoni qiegħda issa fl-istadju li tisma' l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet b'mod għal kollox raġjonevoli u adegwat.*

*"Għar-raġunijiet kollha premessi, l-esponent jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjeż.*

*"Rat ir-risposta tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni għall-(sic) Ġustizzja, li eċċepiet illi:*

*"Fl-ewwel lok, l-artikoli ċitati mir-rikorrent mhumiex applikabbli għall-każ in disamina. Illi dan jingħad minħabba żewġ raġunijiet – l-ewwelnett għaliex mhemmx kwistjoni li tikkonċerna drittijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrent; u t-tieni nett billi l-Kummissjoni għandha biss funzjoni konsultattiva u mhux deċiżiva u l-organu predispost biex jiddeċiedi l-meritu ta' dina l-kwistjoni skont il-Kostituzzjoni huwa il-Parlament innifsu u mhux il-Kummissjoni. Il-funzjoni tal-Kummissjoni hija limitata għall-għemil ta' rapport fuq liema rapport imbagħad spetta lill-Parlament biex jiddeċiedi u dan joħroġ ċar anke mill-kliem użati mil-liġi;*

*"Din l-Onorabbli Qorti tiddifetta minn ġurisdizzjoni biex tikkunsidra dina l-materja billi tali materja hija riservata lill-organi kostituzzjonali predisposti għal dan il-għan u fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom huma liberi u indipendentement (sic) minn kull awtorita` oħra;*

*“Fil-fatt, il-Kummissjoni qiegħda timxi b’mod li tassigura smigħ xieraq lir-rikorrent u tagħtu (sic) kull opportunita` biex dan jagħmel il-każ tiegħu;*

*“Inoltre, il-membri tal-Kummissjoni huma imparzjali u indipendenti u fl-imġieba tagħhom ma urew l-ebda parzjalita` li tista’ tiġġustifika r-rikors tar-rikorrent. Illi r-rekuża mqajma mill-istess rikorrent ġiet debitament konsidrata mill-membri tal-Kummissjoni u ġiet mill-Kummissjoni korrettament deċiża u skont il-liġi;*

*“In kwantu, il-lanjanzi tar-rikorrent jolqtu il-komposizzjoni tal-Kummissjoni. Dina l-komposizzjoni hija kif dettata mil-liġi u mill-Kostituzzjoni innifisha u għalhekk mhemm xejn irregolari jew żbaljat f’dan u fi kwalsiasi każ, dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni tissindika dik il-komposizzjoni;*

*“Mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq eċċepit, l-aġir tal-Kummissjoni huwa korrett u ritwali u mhuwa bl-ebda mod in vjolazzjoni tal-artikoli ċitati mill-istess rikorrent u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.*

*“Rat id-dokumenti.*

*“Semgħet ix-xhieda.*

*“Rat l-atti kollha.*

*“Semgħet lid-difensuri jittrattaw il-kawża.*

*“Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.*

*“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawża, ir-rikorrenti, Imħallef Carmelo Farrugia Sacco qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni illi biċ-ċaħda tat-talba tiegħu għar-rikuża tal-Imħallef Caruana Colombo u l-Avukat Reuben Balzan fil-proċeduri mibdija fil-konfront tiegħu wara mozzjoni tal-Prim Ministru fil-Parlament ġie leż id-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u Art. 39 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jsostni wkoll illi ż-żmien qasir li ġie mogħti biex*

*iwieġeb fil-proċeduri wkoll huwa leżiv tal-istess dritt fondamentali.*

*"L-intimati Avukat Ġenerali, Prim Ministru u Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja minbarra li ma jaqblux fuq il-mertu, iressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, senjatament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u l-inapplikabilita` tal-Art. 6(1) għall-każ in kwistjoni. L-Avukat Ġenerali jsostni wkoll in-nuqqas ta' kjarezza tar-raġuni għaliex ġie mħarrek hu. L-intimati jisħqu wkoll illi l-funzjoni tal-Kummissjoni f'dawn il-proċeduri hija waħda konsultattiva biss u għalhekk taqa' barra l-ambitu tal-imsemmija provvedimenti.*

*"Ġurisdizzjoni*

*"L-intimati kollha jeċċepixxu nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Huwa prinċipju aċċettat illi eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku (ara "***Fenech Adami nomine vs Christos nomine***", deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-***6 ta' April 1972***).*

*"L-intimati fil-kawża odjerna jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq l-Art. 101A (14) li jipprovdi testwalment illi:*

*""(14) Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."*

*"Dawn il-Qrati kellhom okkażżjoni jeżaminaw din il-materja fil-kawża "***L-Onor. Imh. Anton Depasquale vs L-Onor. Prim Ministru et***", deċiża fid-***29 ta' Jannar 1999***), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħ. G. Caruana Demajo) kellha dan xi tgħid:*

*""Fi stat ta' dritt, ħadd ma hu fuq il-liġi, u l-kummissjoni, imwaqqfa taħt il-liġi biex hi wkoll tħares il-liġi, tkun ħielsa minn skrutinju mill-Qrati fil-każ biss li s-setgħat tagħha tinqeda bihom skont il-liġi; jekk tmur lil hemm minn dawn is-setgħat, u tfassal prinċipji anti-kostituzzjonali, tkun*

*kisret il-liġi, u l-Qrati – l-organu fdat bid-dmir li jara l-liġi titħares – iħassru dak li tkun għamlet ħażin."*

*"Fl-istess sentenza rriteniet illi:*

*""Sakemm nibqgħu ngħixu fi stat ta' dritt, ħadd ma hu ħieles minn dan l-iskrutinju tal-Qrati."*

*"Dan il-prinċipju ġie konfermat u infatti kkwotat verbatim mill-Qorti Kostituzzjonali f'appell mill-istess sentenza mogħti fl-4 ta' Settembru 2000. Reċentement, fil-kawża "**Sacco vs Onorevoli Prim Ministru et**", il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha (**25 ta' Mejju 2012**) irriteniet illi:*

*""Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skruplożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu u ebda awtorita` mogħnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'immunita`."*

*"Il-jeddijiet invokati mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri huma l-prinċipji ta' ġustizzja naturali li huma min-natura tagħhom inderogabbli. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li ebda awtorita` li teżerċita attivita` ta' deċiżjoni ma tista' tiġi eżentata mit-tħaris tagħhom u, konsegwentement, fl-iskrutinju ta' dawn il-Qrati jekk l-istess prinċipji effettivament tħarsux. Għalhekk, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.*

*"<u>L-Avukat Generali</u>*

*"Ir-rikorrent f'din il-kawża baqa' ma ċċarax għaliex ħarrek lill-Avukat Ġenerali. Ma ġab ebda raġuni u lanqas ma għamel ebda sottomissjoni fir-rigward.*

*"Issa l-Art. 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, introdott permezz tal-Att XXIV tal-1995 jirregola r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern ukoll fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali. Is-subinċiż (2) tal-imsemmi Artikolu jipprovdi li l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta l-Gvern f'dawk l-*

*atti li minħabba n-natura tagħhom ma jistgħux jiġu diretti kontra kapijiet oħra.*

*"Fil-kawża odjerna, din il-Qorti tqis utili, anzi essenzjali, il-preżenza tal-Gvern wieħed mit-tliet pilastri tal-istat u għalhekk tqis li l-Avukat Ġenerali ġie korrettement imħarrek.*

*"<u>Rimedji ordinarji</u>*

*"L-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu jinsisti illi fir-rigward tal-Avukat Ġenerali u l-Prim Imħallef, ir-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji stante li qatt ma ntalbet ir-rikuża tagħhom quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Fil-kuntest, din il-Qorti tinnota illi, għalkemm fir-rikors promotur ġew imsemmija kemm l-Avukat Ġenerali u l-Prim Imħallef u l-pożizzjoni tagħhom fil-Kummissjoni, l-ilment tar-rikorrent jinkwadra ruħu essenzjalment fiċ-ċaħda da parti tal-Kummissjoni tat-talba għar-rikuża tal-Imħallef Caruana Colombo u l-Avukat Reuben Balzan. Din il-Qorti hija kostretta fil-parametri ta' din iċ-ċaħda u għalhekk kull referenza għall-konsiderazzjoni ta' rikuża li setgħet ġiet koltivata f'xi żmien fil-konfront tal-Avukat Ġenerali u l-Prim Imħallef qiegħda tiġi minnufih skartata.*

*"<u>Applikabilita` tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni</u>*

*"L-intimati kollha jsostnu li l-fuq imsemmija artikoli mhumiex applikabbli għall-każ odjern u dan peress illi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma tiddeterminax drittijiet jew obbligi ċivili. Il-Qorti tibda biex tirreferi għall-awturi Van Dijk, van Hoof, van Rijn li, fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (4th ed. paġ. 538) jibdew l-osservazzjonijiet konklussivi tagħhom rigward il-kunċett ta' "civil rights and obligations" billi jiddikjaraw hekk:*

*""The Strasbourg case law concerning 'civil rights and obligations' still lacks clarity and certainty in certain respects in spite of several praiseworthy efforts of the*

*'new' Court to draw some general lines. It lacks clarity because no general definition of 'civil rights and obligations' can still be inferred from it, while the criteria developed by the Court, such as that of the effect which the outcome of the proceedings may have for a right or obligation of a civil character, are not very specific and sometimes difficult to apply. It lacks certainty because the lines drawn in the case law curve rather frequently and appear still to lead within the Court to different views in concrete cases. In our opinion this lack of clarity and certainty, which constitutes an undesirable situation not only for the individual seeking justice, but also for the public authorities and the courts in the Contracting States, which are called upon to apply Article 6, can only be eliminated if the Court departs from its present casuistic approach and develops a general and readily applicable definition of 'civil rights and obligations', thus fulfilling its function to give direction to the interpretation and application of the Convention."*

*"F'dan l-isfond, il-Qorti tinnota it-test użat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kawza "**Pellegrin vs France**" (**1999**) li eskludiet l-applikabilita` tal-Art. 6 għall-każijiet ta' "special bond of trust and trust and loyalty" in relazzjoni ma' persuna "acting as a depository of public authority".*

*"Fl-2007 mbagħad, il-Grand Chamber fil-kawza "**Eskelinen vs Finland**" spjega l-kundizzjonijiet li jridu jintwerew sabiex wieħed jasal għall-esklużjoni tal-applikabilita` tal-Art. 6.*

*""To recapitulate, in order for the respondent State to be able to rely before the Court on the applicant's status as a civil servant in excluding the protection embodied in Art.6, two conditions must be fulfilled. First the State in its national law must have expressly excluded access to a court for the post or category of staff in question. Secondly, the exclusion must be justified on objective grounds in the State's interest. The mere fact that the applicant is in a sector or department which participates in the exercise of power conferred by public law is not itself decisive. In order for the exclusion to be justified, it is not*

*enough for the State to establish that the civil servant in question participates in the exercise of public power or that there exists, to use the words of the Court in the* ***Pellegrin*** *judgment, a 'special bond of trust and loyalty' between the civil servant and the State, as employer. It is also for the State to show that the subject matter of the dispute in issue is related to the exercise of state power or that it has called into question the special bond. Thus there can in principle be no justification for the exclusion from the guarantees of ordinary labour disputes, such as those relating to salaries, allowances or similar entitlements, on the basis of the special nature of relationship between the particular civil servant and the State in question. There will, in effect, be a presumption that Art.6 applies. It will be for the respondent Government to demonstrate, first that a civil servant applicant does not have a right of access to a court under national law and, secondly, that the exclusion of the rights under Art.6 for the civil servant is justified."*

*"Din ir-referenza għas-servizz ċivili qiegħda ssir minn din il-Qorti fid-dawl ta' dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ "****Pitkevich vs Russia****" (deċiża fit-****8 ta' Frar 2001****), fejn il-Qorti rriteniet illi:*

*""The Court observes that the judiciary, while not being part of ordinary civil service, is nonetheless part of typical public service. A judge has specific responsibilities in the field of administration of justice which is a sphere in which States exercise sovereign powers. Consequently, the judge participates directly in the exercise of powers conferred by public law and performs duties designed to safeguard the general interests of the State."*

*"Madanakollu, l-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' "****Olujic vs Croatia****" (deċiża fil-****5 ta' Frar 2009****) irriteniet illi ġaladarba l-materja ta' dixxiplina ta' ġudikant kienet qed tiġi mistħarrġa minn tribunal, kienu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-każ* ***Eskelinen****, u għaldaqstant tiskatta l-protezzjoni tal-Art. 6. Il-kaz odjern huwa simili.*

*“Tenut kont ukoll tal-prinċipju enunċjat mill-Qorti Ewropea fil-każ* ***Frydlender*** *u ċioe` li kull restrizzjoni fir-rigward għandha tiġi interpretata restrittivament, din il-Qorti ma tqisx li l-esklużjoni invokata tgħodd għall-każ in eżami, fejn, wara kollox, ġudikant qed jiddefendi drittijiet li jinkludu dawk essenzjalment privati u ċioe` l-integrita` ta' ismu u, anke sussegwentement drittijiet pekunarji tiegħu. Din il-Qorti tirreferi wkoll għad-dikjarazzjoni tal-Consultative Council of European Judges magħmula fi Strasbourg fl-20 ta' April 2010 in relazzjoni ma' tneħħija ta' ġudikant fis-Serbia fejn l-istess kunsill saħaq li proċeduri għat-tneħħija ta' ġudikant għandhom isiru bi “due process guarantees” tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*“Finalment, din il-Qorti ma tistax tikkontempla kif wieħed qatt jista' jisħaq fuq l-indipendenza tal-ġudikant jekk dan jista' jiġi proċessat u possibilment imwarrab mingħajr ma jingħata l-garanziji kollha ta' smigħ xieraq fi proċess fil-konfront tiegħu li, wara kollox, jiskatta b'sempliċement mozzjoni mressqa fil-Kamra tad-Deputati.*

*“L-intimati jsostnu wkoll li l-Artikoli invokati mir-rikorrenti ma japplikawx għaliex il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma tagħtix “legally binding decisions” iżda taqdi l-funzjonijiet tagħha biss fuq bażi “prima facie”.*
*“Harris, O'Boyle & Warbrick (pag. 226) jikkonfermaw:*

*““....it is still necessary to show that civil rights and obligations are being ‘determined’ by the decision to which it is sought to apply Article 6 (1). This will be the case when the decision is ‘****directly decisive****’ for the civil rights and obligations concerned ....”, u dan b'referenza għal dak stabbilit mill-Qorti Ewropea fil-każ* ***Ringeisen*** *fl-1971.*

*“Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża “****Cecil Pace vs L-Onor. Prim Ministru et****” (deċiża fit-****3 ta' Diċembru 1997****) spjegat hekk il-funzjoni deċiżorja ta' awtorita` ġudikanti.*

*““Għandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni w id-deċiżjoni tiegħu jeħtieġ*

*allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux neċessarjament ikun jifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja pero` jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristiċi fondamentali assoċjati mal-proċess ġudizzjarju li jkunu jiggarantixxu smigħ xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza w imparzjalita` essenzjali biex juru li mhux biss il-ġustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li hekk ikun qed isir."*

*"Fil-każ "**Belilos vs Switzerland**", il-Qorti Ewropea osservat illi:*

*""a "tribunal" is characterized in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner [...]. It must also satisfy a series of further requirements – independence in particular of the executive; impartiality; duration of its members' terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6§1 (art 6-1) itself."*

*"Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji illi l-Qorti eżaminat il-funzjonijiet mogħtija mil-liġi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja meta tkun preżentata mozzjoni għall-għemil ta' indirizz lill-President.*

*"L-Art. 9(1) tal-Kap. 369 jipprovdi illi:*

*""9. (1) Meta jingħata avviż fil-Kamra tad-Deputati dwar mozzjoni għall-għemil ta' indirizz lill-President kif imsemmi fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni, l-iSpeaker għandu, mingħajr ma jippermetti li din tingħata xi pubbliċita`, izomm il-mozzjoni pendenti, u għandu jirreferi din l-istess lill-Kummissjoni."*

*"Inoltre, l-Art. 9(4) tal-Kap. 369 jipprovdi illi:*

*""(4) Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-investigazzjoni neċessarja u tagħmel rapport fuq l-istess lill-iSpeaker. Jekk ir-rapport tal-Kummissjoni jkun jgħid li mhemmx*

*imġieba ħażina jew li l-imħallef jew maġistrat ma jkollu ebda inkapaċita`, ma għandha tittieħed ebda azzjoni oħra fil-Kamra dwar dak ir-rapport u ma għandhom isiru ebda proċeduri oħra dwar il-mozzjoni pendenti quddiem il-Kamra."*

*"Il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni fir-rigward ġew skrutinati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-fuq ċitata sentenza "**Imh. Anton Depasquale vs L-Onor. Prim Ministru et**", tal-**4 ta' Settembru 2000**, fejn dik il-Qorti sostniet:*

*""Biż-żieda kontemplata u mqiegħda fis-seħħ bil-liġi impunjata, jista' jingħad li l-proċess sar wieħed aktar elaborat, altrimenti l-proċess baqa' essenzjalment wieħed."*

*"Din il-Qorti għalhekk hi tal-fehma illi, ġaladarba l-proċeduri skattati quddiemha wara l-preżentata ta' mozzjoni fil-Kamra tad-Deputati jistgħu jingħalqu b'mod finali jekk jinstab li ma jeżistux lanqas prima facie l-fatti li fuqhom tkun fondata l-mozzjoni, l-element ta' determinazzjoni ta' drittijiet huwa sodisfatt. Ikun hemm dik il-"legally binding decision" u għalhekk, il-proċedura ma tistax tiġi eżenti mill-applikabilita` tal-garanziji provduti bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.*

*"<u>Mertu</u>*

*"Huwa ritenut illi is-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li "il giudice non si presume ne' parziale ne' corrotto".*

*"Van Hoof u Van Dijk (op. cit. P. 613) isostnu wkoll:*

*""The adjectives 'independent' and 'impartial' are the expression of two different concepts. The notion of 'independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the 'impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between*

*the two concepts, and often considers both concepts together."*

*"In linea ta' prinċipji huwa ritenut illi:*

*""An independent tribunal – By 'independent' is meant "independent of the executive and also of the parties. An impartial tribunal – 'Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect" (Harris, O'Boyle & Warbrick).*

*"Van Dijk u Van Hoof (op. cit. 613) isostnu:*

*""For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

*"Il-Qorti Ewropea fis-sentenza "**Hauschildt vs Denmark**" (**1989**) sostniet illi:*

*""The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*

*"Fil-kawza "**Daktaras vs Lithuania**" irriaffermat:*

*""The Court recalls that there are two aspects to the requirement of impartiality in Article 6 para. 1 of the*

*Convention. First, the tribunal must be subjectively impartial, i.e. no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias. Personal impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary. Secondly, the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint, i.e. it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in the respect (see* ***Academy Trading Ltd. and "Others v. Greece****, no. 30342/96,* ***4.4.2000****, para. 43). Under the objective test, it must be determined whether there are ascertainable facts, which may nevertheless raise doubts as to their impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all in the parties to the proceedings (ibid. Para. 45)."*

*"Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti għaddiet biex teżamina ċ-ċirkostanzi kollha rigwardanti ż-żewġ membri tal-Kummissjoni li tagħhom ġiet miċħuda r-rikuża mill-istess Kummissjoni.*

*"Għar-rigward tal-Imħallef Caruana Colombo, ir-rikorrenti jsostnu (sic) li dan ma jistax ikun indipendenti u imparzjali, l-ewwelnett għaliex huwa ġie nominat fuq il-Kummissjoni mill-Prim Ministru proponent tal-mozzjoni. Din il-Qorti ma tqisx li hawnhekk ir-rikorrenti jista' jingħata raġun.*

*"L-Art. 101A (7) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:*

*""(7) Fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-membri tal-Kummissjoni u ta' xi wieħed mill-kumitati tagħha għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra."*

*"Li kieku l-Qorti kellha tabbraċċja l-argument tar-rikorrenti, wieħed imbagħad loġikament jasal għall-estrem li l-ebda imħallef fil-Qrati Maltin (inkluż ir-rikorrenti stess) ma jista' qatt ikun indipendenti f'kawżi fejn il-gvern huwa parti għar-raġuni li dawn kollha ġew magħżula għall-kariga mill-*

*istess gvern (ara wkoll f'dan is-sens il-fuq ċitata sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' Settembru 2001).*

*"Ir-rikuża tal-Imħallef Caruana Colombo intalbet ukoll għar-raġuni li dan kien diġa' membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fis-sena 2007 meta din ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti li l-aġir tiegħu kien jolqot il-fiduċja li għandu minħabba l-kariga tiegħu u li kien qed jonqos li jimxi skont il-kodiċi tal-etika għall-Ġudikanti u l-mozzjoni odjerna tibbaża fuq dan il-fatt.*

*"Jirriżulta, madanakollu, illi l-mozzjoni proposta fil-Kamra tad-Deputati mill-Prim Ministru mhijiex imsejsa fuq il-fatti tal-2007, pero` fuq il-fatt li "l-istess Imħallef injora d-direzzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u kompla jokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Olimpiku Malti u dan bi vjolazzjoni kontinwa tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ġudikanti". Il-mozzjoni ssemmi wkoll illi "l-kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku internazzjonali iċċensurat l-aġir tal-istess Imħallef".*

*"Il-Qorti hawnhekk tirreferi għal dak li sostniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-***5 ta' Ottubru 2001** *fil-kawża "***Onor. Imh. Anton Dr. Depasquale vs Avukat Ġenerali***", fejn irreferiet għas-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti fis-sentenza "***Litcky vs United States***" li rriteniet illi:*

*""Opinions formed by the Judge on the basis of facts introduced or events occurring in the course of the current proceedings, or of prior proceedings, do not constitute a basis for a biased or partiality motion unless they display a deep seated favouritism or antagonism that would make fair judgment impossible. Thus, judicial remarks, during the course of a trial that are critical or disapproving of, or even hostile to counsel, the parties, or their cases ordinarily do not support a biased or partiality challenge."*

*"Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, tqis illi l-mertu preżentement quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja huwa ben divers u*

*għalhekk tqis ir-rikorrenti hawnhekk ukoll m'għandux raġun.*

*"Għar-rigward tar-rikuża tal-Avukat Dr. Reuben Balzan, il-Qorti tinnota li l-lanjanzi tar-rikorrenti jippernjaw ruħhom fil-fatt li l-Avukat Balzan għandu konnessjonijiet politiċi mal-Avukat Simon Busuttil li esprima pubblikament il-fehma tiegħu fil-konfront tal-Imħallef Farrugia Sacco.*

*"Hawnhekk ukoll, il-Qorti terġa' tirreferi ghall-Art. 101A (7) li jipprovdi illi:*

*""(7) Fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-membri tal-Kummissjoni u ta' xi wieħed mill-kumitati tagħha għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra."*

*"Ma nġabet ebda prova li Dr. Balzan qatt seta' wera li kien preġudikat fil-materja minħabba l-konnessjonijiet tiegħu ma' politiku li kien diġa' wera l-fehmiet tiegħu. Lanqas ma tista' l-Qorti tagħti piż lill-fatt li Dr. Balzan jipprattika l-professjoni legali tiegħu f'uffiċċju ma' membru parlamentari. Ir-realta` f'Malta hija li ftit huma l-uffiċċji legali li ma jinkludux fihom xi avukat jew aktar b'konnessjonijiet diretti jew indiretti fil-politika f'Malta. Ħafna mill-ġudikanti fil-Qrati tagħna ġew minn dawn l-uffiċċji legali. Kollha, meta msejħa biex jiġġudikaw, ħallew warajhom kull konnessjoni anke dik politika. Ma għandha ebda prova din il-Qorti li Dr. Reuben Balzan qed jaġixxi diversament.*

*"Inoltre tinnota wkoll illi jekk il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tasal biex issib illi hemm raġunijiet "prima facie" biex il-mozzjoni titressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati, ser ikunu l-istess politiċi li jieħdu d-deċiżjoni finali. Minn dan jidher li l-konnessjonijiet politiċi mhumiex minnhom infushom inkompatibbli mal-proċeduri ta' tneħħija ta' ġudikant.*

*"Finalment wieħed ma jista' qatt jinjora l-fatt li l-Avukat Balzan qiegħed jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-Kummissjoni flimkien ma għadd kbir ta' membri oħra.*

*"Dan kollu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi, kif irriteniet il-Qorti Ewropea fil-kaz* ***St. Leonard's Band Club vs Malta****" (deċiża fid-***29 ta' Lulju 2004***) b'referenza wkoll għall-każ ta' "***Ferrantelli and Santangelo vs Italy***", "The standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified". Din il-ġustifikazzjoni fil-każ odjern ma ġietx pruvata.*

*"Dwar l-akkorċjament tat-termini li minnhom jilmenta r-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax tonqos milli tinnota li t-termini mogħtija lill-Imħallef Farrugia Sacco biex jirrispondi għall-akkużi li kien rinfaċċat bihom kienu tassew irraġjonevolment qsar. Huwa ngħata biss tlett ijiem biex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tiegħu dwar ir-rikuża minnu mitluba. Ukoll, meta l-Kummissjoni ddeċidiet dwar ir-rikuża ġie lilu konċess żmien ta' biss għaxar minuti biex jeżamina l-provvediment mogħti u jikkonsulta mal-konsulenti legali tiegħu dwar kif ser jipproċedi.*

*"Tenut kont tan-natura serjissima tal-każ, dan ma kienx bżżżejjed. Wieħed jinnota illi sal-lum, 10 xhur wara, il-Qorti mhijiex informata li l-proceduri quddiem il-Kummissjoni jinsabu magħluqa. Fiċ-ċirkostanzi, l-għaġġla li mxiet biha l-Kummissjoni dak iż-żmien tistona wisq.*

*"Madanakollu, ġaladarba l-Imħallef Farrugia Sacco u l-konsulenti fil-fatt irnexxielhom iwettqu d-difiża b'mod mill-aktar effiċċjenti minkejja d-diffikultajiet tat-termini qosra, din il-Qorti tqis li l-biża' ta' leżjoni tad-dritt fondamentali ġie effettivament imxejjen.*

*"Għaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, fid-dawl ta' dak premess tiddikjara billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li ressqu l-intimati, tiċħad it-talbiet tal-Imħallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco għaliex mhux pruvati.*

*"Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha."*

## L-Appell Prinċipali

8. Illi r-rikorrent qed jibbaża l-appell tiegħu fuq żewġ aggravji prinċipali. L-ewwel aggravju jinqasam f'żewġ partijiet, u ċioe`: [A] li ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tiegħu għar-rikuża tal-Imħallef Emeritu Victor Caruana Colombo hija vjolattiva tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, u dan għaliex: dan il-membru tal-Kummissjoni kien parteċipi meta tfasslu mill-Kummissjoni l-emendi għall-Kodiċi tal-Etika fis-sena 2004; għaliex kien parteċipi fid-deċiżjoni li ħadet il-Kummissjoni fis-sena 2007; għaliex huwa maħtur fuq l-istess Kummisjoni mill-Prim Ministru, li huwa l-istess persuna li ressaq il-mozzjoni fil-Parlament kontra r-rikorrent u li għandu l-fakolta` li jerġa' jinnominah; għaliex *«nel dubbio si deve giudicare per l'ammissione della recusazione»* u li f'dan il-każ kien hemm nuqqas ta' apparenza ta' imparzjalita` da parti ta' dan il-membru; u għaliex id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734[1][d] u [e] tal-Kap.12 huma ta' ostakolu legali sabiex l-istess membru jibqa' jipparteċipa fid-diskussjoni dwar il-mozzjoni mressqa kontra r-rikorrent. [B] li ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni għar-rikuża tal-membru l-Avukat Dottor Reuben Balzan hija wkoll vjolattiva tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, minħabba *«l-element ta' affiljazzjoni»* u *«konnessjonijiet kbar»* li dan il-membru għandu ma' esponenti tal-Partit Nazzjonalista, fosthom il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien u l-Avukat Dottor Simon Busuttil (il-mexxej tal-Partit illum), li t-tnejn b'mod voċiferu u fil-pubbliku talbu għar-riżenja tar-rikorrent u «ddemonizzawh» fil-pubbliku.

9. It-tieni aggravju jirrigwarda t-termini qosra imposti mill-Kummissjoni fuq ir-rikorrent sabiex dan *«jipprepara kif xieraq id-difiża tiegħu»*[1].

## L-Appell Inċidentali tal-Avukat Ġenerali

10. Dan l-appell huwa prinċipalment bażat fuq tlett aggravji: [1] li l-Qorti mgħandhiex ġurisdizzjoni li tissindika

[1] Rikors promotur para.13

l-operat tal-Kummissjoni abbażi ta' dak kontemplat fl-artikolu 101A [7] u [14] tal-Kostituzzjoni; [2] li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u għalhekk tħarrek inutilment; u [3] li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni huma f'dan il-każ inapplikabbli stante li huma mankanti r-rekwiżiti għall-applikabbilita` tagħhom.

**L-Appell tal-Kummissjoni**

11. Dan hu bażat fuq tlett aggravji: [1] l-inapplikabilita` għall-każ tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni; [2] l-insindikabilita` mill-qrati u minn kull organu ieħor tal-operat tal-Kummissjoni skont l-artikolu 101A[7] u [14]; u [3] li t-termini fissati mill-Kummissjoni fuq ir-rikorrenti huma raġjonevoli tenut kont li dawn kienu limitati għall-kwistjoni tar-rikuża ta' wħud mill-membri li jagħmlu parti minnha.

12. Illi tenut kont li t-tieni aggravju tal-appell inċidentali tal-intimat Avukat Ġenerali huwa ta' natura proċedurali, din il-Qorti ser tibda billi tqis lilu qabel kull konsiderazzjoni oħra tagħha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

13. Il-Qorti jidhrilha xieraq li tippreċiża li l-konsiderazzjonijiet tagħha f'din is-sentenza jirreferu biss għall-każ partikolari tar-rikorrent appellant marbutin maċ-ċaħda mill-Kummissjoni tal-eċċezzjoni tiegħu dwar ir-rikuża taż-żewġ membri fuq imsemmija. Din is-sentenza mhijiex qiegħda tistħarreġ każijiet ipotetiċi li jolqtu l-kategorija tal-ġudikanti. Dan qiegħed jingħad minħabba xi sottomissjonijiet li saru lil din il-Qorti waqt it-trattazzjoni tal-għeluq fis-sens li saritilha stedina biex tikkunsidra u tirrifletti dwar l-effetti u r-riperkussjonijiet li l-każ partikolari tar-rikorrent jista' jħalli fuq kull wieħed mill-membri tal-ġudikatura, liema stedina, kieku kellha tintlaqa', kienet tibdel l-istħarriġ tal-każ tal-istess appellant fi stħarriġ tal-interessi tal-membri tal-Qorti.

14. Issa li saret il-preċiżazzjoni meħtieġa, il-Qorti tibda biex l-ewwel titratta t-tieni aggravju tal-appellat Avukat Ġenerali li jirrigwarda l-kwistjoni dwar il-leġittimita` passiva tiegħu fil-proċeduri odjerni.

***It-tieni aggravju tal-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali***

15. It-tieni aggravju tal-appell inċidentali ta' dan l-intimat huwa fis-sens li hu mhuwiex il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża, u li għalhekk tħarrek għalxejn, kemm jekk tħarrek in forza tar-rappreżentanza residwa tal-Gvern, kif ukoll jekk tħarrek bħala membru *ex officio* tal-Kummissjoni.

16. L-ewwel qorti, wara li għamlet referenza għall-artikolu 181B tal-Kap. 12 u ssenjalat id-dispost tas-sub-inċiż [2] ta' dak l-artikolu, tgħid li l-preżenza tal-Avukat Ġenerali f'din il-kawża bħala rappreżentant tal-Gvern hija mhux biss utili iżda "essenzjali" stante li l-Gvern huwa wieħed mit-tlett pilastri tal-Istat.

17. L-Avukat Ġenerali ħassu aggravat b'din il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu. Huwa jsostni l-ilment tiegħu fuq il-konsiderazzjoni li, filwaqt li fir-rikors promotur ma ġiex indikat f'liema vesti hu jinsab imħarrek, u ċioe` jekk hux in rappreżentanza tal-Gvern jew bħala membru *ex officio* tal-Kummissjoni, l-ewwel Qorti ma setgħetx *di sua sponte* tiddeċiedi hi f'liema vesti tħarrek, u tiddeċiedi li l-*locus standi* tiegħu ssib il-bażi tagħha fis-sub-inċiż [2] tal-artikolu fuq ċitat.

18. Jispjega li jekk ġie mħarrek bħala rappreżentant tal-Gvern, it-taħrika tiegħu hija inutili stante li f'dawn il-proċeduri l-Gvern huwa adegwatament rappreżentat mill-Prim Ministru nnifsu *«bħala Kap tal-Eżekuttiv»*; jekk, min-naħa l-oħra, jingħad li l-Avukat Ġenerali tħarrek bħala membru *ex officio* tal-Kummissjoni, allura anke din it-taħrika hija inutili peress li l-Kummissjoni hija neċessarjarament parti fil-kawża.

19. Fir-risposta tiegħu r-rikorrent isostni li fit-trattazzjoni orali tiegħu huwa kien għamel ċar lill-ewwel Qorti li l-

Avukat Ġenerali kien qed jiġi mħarrek biex jirrappreżenta lill-Gvern skont l-artikolu 181B[2] fuq ċitat.

20. Din il-Qorti, filwaqt li tosserva li skont il-Kostituzzjoni[2] il-Kap tal-Eżekuttiv huwa l-President ta' Malta, u mhux il-Prim Ministru, issib li l-liġi espressament tipprovdi li fil-każijiet li ma jaqgħux taħt is-sub-inċiż [1], il-Gvern ikun rappreżentat fl-atti ġudizzjarji mill-Avukat Ġenerali. Għalhekk, għandu jkun ċar li ladarba ġiet imħarrka l-Kummissjoni, allura huwa eskluż li l-appellant Avukat Ġenerali tħarrek bħala membru *ex officio* tagħha, u ladarba ma ġietx kwalifikata l-preżenza tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri odjerni, allura għandu jitqies li dan ġie mħarrek in bażi għall-artikolu preċitat. Inoltre, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti, li għall-integrita` tal-ġudizzju l-Gvern għandu jkun parti f'din il-proċedura.

21. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex tilqa' bħala tajjeb dan l-aggravju.

***L-ewwel u t-tielet aggravji tal-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali u l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appell inċidentali tal-Kummissjoni.***

22. Il-Qorti hi tal-fehma li huwa aktar loġiku li l-ewwel jiġu trattati dawn l-aggravji, qabel ma din il-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet dwar l-appell prinċipali, u dan stante li dawn l-aggravji jolqtu l-pedament tal-azzjoni odjerna.

23. Illi dawn l-aggravji, li huma prinċipalment ta' natura legali, huma fis-sens li: fl-ewwel lok, l-operat tal-Kummissjoni mhuwiex sindikabbli mill-qrati abbażi ta' dak kontemplat fl-artikolu 101A [7] u 14 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk din il-Qorti mgħandhiex ġurisdizzjoni tisma' dan il-każ; u li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux għall-każ minħabba li teżisti mankanza fir-rekwiżiti għall-applikabbilita` tagħhom.

[2] Art.78

24. Il-Qorti ser tibda billi tinvesti t-tieni punt peress li l-eżami tiegħu jinvolvi wkoll stħarriġ tal-ewwel punt.

25. Illi dwar il-prinċipji legali relatati ma' dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali din il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika kopjuża ċitata mill-ewwel Qorti, u għalhekk ser tevita li tagħmel ripetizzjonijiet inutili fir-rigward. Iżda, huwa opportun li jiġi senjalat is-segwenti.

26. Għall-applikazzjoni tal-artikoli preċitati li jissanċixxu d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, jeħtieġ li jikkonkorru tliet elementi, u ċioe` li l-awtorita` konċernata tkun tikkwalifika bħala tribunal indipendenti u imparzjali, li tkun imsejħa biex tiddetermina drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili, kif ukoll li tagħti deċiżjoni li tkun torbot li ma tistax tiġi mibdula minn awtorita` mhux ġudizzjarja.

27. Illi dwar l-element ta' <u>indipendenza u imparzjalita`</u> għandu mill-bidu jiġi senjalat li sabiex tribunal jew awtorita` ġudikanti tkun tikkwalifika bħala tali għall-finijiet tal-artikoli in dizamina, mhux neċessarju li din tkun tifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja tal-pajjiż, tant li, filwaqt li l-Konvenzjoni tuża t-terminu 'tribunal', il-Kostituzzjoni tuża t-termini *«qorti jew awtorita` oħra ġudikanti».*

28. Illi, għad-determinazzjoni tal-punt jekk dan ir-rekwiżit jikkonfigurax, huma relevanti s-segwenti fatturi: il-mod tal-ħatra tal-membri komponenti l-awtorita` ġudikanti, f'dan il-każ il-Kummissjoni, il-perijodu tal-ħatra, il-kwalifiki tal-membri maħtura, l-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom, il-mod tat-tneħħija u fatturi oħrajn, bħalma huma l-possibilita` ta' rikuża jew astensjoni li, jassiguraw smigħ xieraq għall-individwu mhux biss fil-fatt iżda anke fid-dehra.

29. Fil-każ in diżamina, il-Kummissjoni tikkonsisti fil-President ta' Malta bhala *chairman,* il-Prim Imħallef bħala deputat *chairman* u li jippresjedi fil-Kummissjoni fl-assenza tal-President; l-Avukat Ġenerali bħala membru *ex officio*; żewġ membri eletti għal żmien ta' erba' snin minn fost l-imħallfin u żewġ membri oħra eletti minn fost il-maġistrati; żewġ membri oħra maħtura għal żmien ta'

erba' snin, wieħed mill-Prim Ministru, u l-ieħor mill-Kap tal-Oppożizzjoni u li jkunu persuni li jgawdu *«ir-rispett ġenerali tal-pubbliku u tkun magħrufa għall-integrità u onestà tagħha»*; u l-President tal-Kamra tal-Avukati, membru *ex officio*.[3]

30. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jastjenu u jistgħu jiġu rikużati fl-istess ċirkostanzi bħalma jista' jkun rikużat jew jastjeni mħallef tal-Qrati Superjuri.[4] Inoltre, *«fit-twettiq ta' dmirijiethom il-membri tal-Kummissjoni u ta' xi wieħed mill-kumitati tagħha għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra"*[5]. Salv għall-President ta' Malta, membru jista' jitneħħa mill-ħatra tiegħu, *«biss minħabba f'inkapaċità li jwettaq id-dmirijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġieba ħażina».*

31. Mill-premess għandu jirriżulta ċar li l-leġislatur ried li fil-kompożizzjoni tagħha l-Kummissjoni tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' entitajiet li huma nvoluti fl-andament tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Huma inklużi mhux biss persuni addetti mill-kamp legali, iżda wkoll persuni maħturin minn nies li ġejjin mill-kamp politiku, u ċioe` l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.

32. Din il-Qorti tosserva li n-natura ta' din il-kompozizzjoni, presjeduta mill-President ta' Malta, b'maġġoranza kbira ta' nies legali li jgawdu indipendenza fil-kariga tagħhom, flimkien mal-obbligu impost fuq il-membri tagħha mill-Kostituzzjoni li dawn jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u l-garanzija li, fil-perijodu tal-ħatra, dawn ma jiġux rimossi hlief fl-istess ċirkostanzi li jistgħu jiġu mneħħija mill-ħatra tagħhom l-imħallfin u l-maġistrati, huma fatturi li kumuluttivament jissodisfaw l-attributi ta' indipendenza u imparzjalita` tal-Kummissjoni, għall-finijiet tal-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali fuq ċitati. Inoltre, l-obbligu tal-astensjoni u d-dritt tar-rikuża tal-membri fl-istess ċirkostanzi li japplikaw għal imħallef fil-

---

[3] Kost. Art.101A [1]
[4] Ibid Art.101A 4 [b]
[5] Ibid 101A [7] .

qrati superjuri, jkompli jsaħħaħ dawn l-attributi, mhux biss fil-prattika iżda anke fid-dehra.

33. It-tieni rekwiżit huwa li l-awtorita` ġudikanti, indipendenti u imparzjali, tkun imsejħa bħala parti mill-funzjoni tagħha li tiddetermina drittijiet u obbligi ċivili. Fir-rigward, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tagħmel referenza għall-kejl adottat mill-Qorti Ewropea fil-każ ***Vilho Eskelinen***[6] fejn dik il-qorti marret lil hinn mill-kriterju funzjonali adottat minnha preċedentment fil-każ ***Pellegrin***[7]. Il-kriterju addottat fil-każ ta' ***Vilho Eskelinen*** għall-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirrikjedi l-konkorrenza ta' żewġ rekwiżiti, u ċioe` li l-liġi domestika tal-pajjiż membru tkun espressament eskludiet aċċess għal qorti għall-pożizzjoni jew kategorija in kwistjoni, u li din l-esklużjoni *«must be justified on objective grounds in the State's interest».* In difett ta' wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għandha tipprevali l-preżunzjoni tal-applikabbilita` tal-artikolu fuq ċitat.

34. Fil-każ in diżamina, kemm il-Kummissjoni, kif ukoll l-Avukat Ġenerali invokaw l-applikazzjoni tas-subinċiż (14) tal-artikolu 101A Kostituzzjoni li jiddisponi li *«Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.”* F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li, għalkemm huwa minnu li dan l-artikolu jeskludi l-aċċess għall-qrati, fejn jidħol il-funzjonament tal-Kummissjoni, iżda mill-banda l-oħra ma ntweriex mill-intimati li dan in-nuqqas ta' aċċess huwa *«justified on objective grounds in the State's interest».* Fuq livell aktar speċifiku, jingħad li l-intimati ma wrewx kif iċ-ċahda tal-applikazzjoni tal-artikolu 6, u allura tad-dritt għal smigħ xieraq fil-konfront tar-rikorrent, bħala mħallef, hija oġġettivament ġustifikata fl-interessi tal-Istat, *multo magis*, meta l-każ in diżamina jittratta dwar talba għat-tneħħija tar-rikorrent mill-ħatra tiegħu ta' mħallef b'konsegwenzi serji, mhux biss għar-reputazzjoni u l-integrita` tiegħu, iżda anke dawk finanzjarji.

[6] Q.E.D.B. **19.4.2007** (Applik. Nru. 63235/00)
[7] Q.E.D.B. **8.12.1999** (Applik. Nru. 28541/95)

35. Hija valida fir-rigward l-osservazzjoni magħmula mir-rikorrent fir-rikors tiegħu: "*X'ġustifikazzjoni jista' qatt jkun hemm sabiex jiġi eskluż id-dritt ta' smigħ xieraq minn proċedura ta' tneħħija ta' ġudikant, sempliċement meta wieħed jikkunsidra li tali proċedura ssib il-bidu tagħha b'sempliċi mozzjoni parlamentari? Kieku hekk kellu jkun il-każ ikun l-akbar assalt li qatt jista' jsir għall-indipendenza tal-ġudikatura, in-nuqqas ta' liema ġġib fix-xejn is-saltna tad-dritt fl-ordinament ġuridiku taghna».*

36. Finalment u b'referenza għall-punt sollevat mill-Kummissjoni fit-trattazzjoni orali, il-Qorti tosserva li, għalkemm huwa minnu li l-kariga ta' mħallef hija protetta mill-Parlament, min-naħa l-oħra pero`, għandu jkun daqstant ċar li d-dritt għal smigħ xieraq għandu jingħata lill-ġudikant soġġett ta' mozzjoni bħal dik in diżamina, sa mill-bidu nett tal-proċeduri kontra tiegħu, u mhux mill-istadju fejn ikun diġa' hemm deċiżjoni sfavorevoli għalih.

37. It-tielet rekwiżit għall-kwalifika tal-Kummissjoni, bħala tribunal fit-termini Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, hija li din tagħti deċiżjonijiet li huma vinkolanti. Naturalment dan ghandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-funzjoni tal-Kummissjoni meta tkun ġiet imsejħa sabiex tagħti deċiżjoni skont id-dispost tal-artikoli 8 u 9 tal-Att dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja [Kap.369], u ċioe` meta tirċevi mozzjoni mill-Kamra tad-Deputati sabiex tagħmel investigazzjonijiet fuq imħallef jew maġistrat in konnessjoni ma' xi indirizz kif imsemmi fl-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni.

38. L-artikolu 9 tal-imsemmi Att jiddisponi li meta l-Kamra tad-Deputati tirreferi lill-Kummissjoni avviż ta' mozzjoni għall-egħmil ta' indirizz lill-President kif imsemmi fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji u tagħmel rapport lill-iSpeaker tal-Kamra. L-artikolu 9 fis-sub-inċiż (4) tiegħu jkompli jgħid li jekk ir-rapport ikun favorevoli għall-imħallef jew maġistrat *«ma għandha [« shall »] tittieħed ebda azzjoni oħra fil-Kamra dwar dak ir-rapport u ma għandhom isiru ebda proċeduri oħra dwar il-mozzjoni pendenti quddiem il-Kamra».* Min-naħa l-oħra, jekk ir-

rapport tal-Kummissjoni *«ikun sab prima facie li mġieba ħażina jew l-inkapaċità tkun pruvata, il-mozzjoni msemmija fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni għandha [« shall »], flimkien mar-rapport tal-Kummissjoni, tiġi kkunsidrata mill-Kamra»*[8].

39. Mill-premess għandu jirriżulta ċar li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, għalkemm hija waħda *prima facie*, hija wkoll waħda li tista' tkun deċiżiva u determinanti kemm għar-rikorrent bħala mħallef kif ukoll għall-Kamra tad-Deputati, għax f'każ ta' eżitu favorevoli għall-imħallef konċernat il-Kamra hija miżmuma mil-liġi milli tkompli tikkunsidra l-mozzjoni, filwaqt li f'każ sfavorevoli għall-imħallef jew maġistrat li jkun, il-Kamra hija legalment obbligata li tkompli tikkunsidra l-mozzjoni flimkien mar-rapport. Inoltre, ma jirriżultax li hemm appell minn tali deċiżjoni tal-Kummissjoni.

40. Għalhekk mhijex korretta l-Kummissjoni intimata fl-argument tagħha li l-funzjoni tal-Kummissjoni hija waħda konsultattiva biss u mhux ukoll aġġudikativa. Il-Kummissjoni għandha d-dmir li tisma' l-provi, teżamina dokumenti prodotti mill-partijiet, kif ukoll tieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet magħmula, u sussegwentement tagħti deċiżjoni fuq bażi *prima facie* dwar jekk il-kontenut tal-mozzjoni tinsabx provata. Fil-każ in diżamina, matul iż-żmien li din il-kawża kienet qiegħda tinstema', l-Kummissjoni waslet għad-deċiżjoni li *«ssib prima facie li l-imġieba ħażina tal-Imħallef Farrugia Sacco allegata fil-mozzjoni hija provata»*[9], bir-riżultat li l-Kamra tad-Deputati għandha tikkunsidra l-mozzjoni għat-tneħħija tar-rikorrent mill-kariga tiegħu ta' mħallef, fid-dawl ta' dik id-deċiżjoni. Għalhekk abbazi ta' dawn il-fatti, ma jistax jiġi aċċettat bħala validu l-argument tal-Kummissjoni li *«l-ebda rizultat*[10] *tal-Kummissjoni m'huwa ser ikollu mpatt jew jinċidi fuq id-drittijiet ċivili tiegħu».* Anzi, ma' dan jiżdied jingħad li, tenut kont tal-kwalifiki tan-nies komponenti l-Kummissjoni, id-deċiżjoni tagħha, għalkemm waħda fuq livell tal-*prima facie*, jaf ikollha impatt qawwi fuq id-drittijiet tar-rikorrent.

---

[8] Art. 9(5) tal-kap 369

[9] Decizjoni 6 ta' Jannar 2014

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti – iir-raba' paragrafu tar-risposta tal-appell tal-Kummissjoni

41. Din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti fir-rigward li «ġaladarba l-proċeduri quddiemha wara l-preżentata ta' mozzjoni fil-Kamra tad-Deputati jistgħu jingħalqu b'mod finali jekk jinstab li ma jeżistux lanqas *prima facie* l-fatti li fuqhom tkun fondata l-mozzjoni, l-element tad-determinazzjoni ta' drittijiet huwa sodisfatt. Ikun hemm *«a legally binding decision»* u għalhekk, il-proċedura ma tistax tiġi eżenti mill-applikabbilita` tal-garanzija provduti bl-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni». B'żieda ma' dan, il-Qorti tirreferi wkoll għad-disġożizzjonijiet tas-sub-inċiżi (3) u (7) tal-artikolu 9 tal-Kap. 369 li juru biċ-ċar li l-ħsieb hu li jiddaħħlu fi proċedimenti bħal dawn quddiem il-Kummissjoni dawk is-salvagwardi proċedurali bażilari li jiggarantixxu lill-ġudikant li jkun smigħ li jħaddem safejn jista' jkun il-ħtiġijiet ta' smigħ xieraq.

42. Barra minn hekk, hija valida s-sottomissjoni tar-rikorrent li d-deċiżjoni li minnha hu qed jilmenta, u ċioe` dik taċ-ċaħda tat-talba għar-rikuża meħuda mill-Kummissjoni hija waħda finali u li torbot fil-konfront tiegħu.

43. Għaldaqstant, l-ewwel u t-tielet aggravju tal-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali u l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appell inċidentali tal-Kummissjoni, huma infondati u din il-Qorti mhijiex sejra tilqagħhom.

***L-ewwel aggravju tal-appell prinċipali***

44. Il-Qorti ser tgħaddi issa biex tistħarreġ l-aggravji tar-rikorrent appellant fil-mertu. Dan l-ewwel aggravju huwa dirett lejn iċ-ċaħda da parti tal-ewwel Qorti tal-eċċezzjoni dwar ir-rikuża tal-Imħallef Victor Caruana Colombo, bħala membru nominat mill-Prim Ministru, u tal-Avukat Dottor Reuben Balzan bħala membru *ex officio* fil-kwalita` tiegħu ta' President tal-Kamra tal-Avukati.

45. Rigward l-Imħallef Caruana Colombo, din il-Qorti tosserva li, anke hekk hu minnu li dan kien parteċipi fit-

tfassil tal-emendi tal-Kodiċi tal-Etika li saru fis-sena 2004, ma tarax kif dan il-fatt jista’ b’xi mod jirrifletti fuq l-imparzjalita` tiegħu fl-investigazzjoni li saret fuq ir-rikorrent wara l-mozzjoni mressqa mill-Prim Ministru tal-15 ta’ Diċembru 2012 [aktar ’il quddiem imsejħa “il-mozzjoni”]. Iż-żewġ funzjonijiet jinvolvu eżerċizzji separati, distinti u estranei għal xulxin. It-tfassil tar-regoli kien jinvolvi formulazzjoni ta’ normi ta’ etika għall-osservanza tal-ġudikanti, filwaqt li l-eżerċizzju li sar fis-sena 2007 kien limitat għall-istħarriġ tal-punt jekk il-kariga tar-rikorrent bħala president fil-Kumitat Olimpiku Malti kenitx kompatibbli man-normi kontenuti f’dak il-Kodiċi tal-Etika. L-ewwel eżerċizzju jinvolvi strettament tfassil ta’ regoli, filwaqt li t-tieni eżerċizzju jinvolvi interpretazzjoni u applikazzjoni ta’ dawk ir-regoli, u għalhekk din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, ma tistax tara kif il-parteċipazzjoni ta’ dan il-membru fiż-żewġ eżerċizzji li saru tista’ tnaqqas l-imparzjalita` tieghu.

46. Illi lanqas il-fatt li l-imsemmi membru kien ħa sehem bħala membru fid-diskussjonijiet li saru mill-Kummissjoni u li wasslu għad-deċiżjoni tagħha tas-7 ta’ Awwissu 2007 ma jaghti lok għall-ksur tal-jedd tal-appellant għal smigħ xieraq bażat fuq in-nuqqas ta’ imparzjalita` ta’ dan il-membru. Dan qiegħed jingħad għax il-mertu tad-diskussjonijiet li wasslu għal dik id-deċiżjoni huwa differenti mill-mertu tad-diskussjonijiet li saru quddiem il-Kummissjoni wara li din kien irċeviet l-avviz tal-mozzjoni. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li, fil-mument li l-Kummissjoni tat il-provvediment dwar l-eċċezzjoni tar-rikuża tal-imsemmija żewġ membri, ma kienx għadu beda jinstema’ l-mertu tal-każ riferut lill-Kummissjoni fil-mozzjoni.

47. Fl-ewwel kaz, il-mertu diskuss kien dwar jekk iż-żamma tal-kariga ta’ president fil-Kumitat Olimpiku Malti kenitx inkompatibbli mal-kariga tar-rikorrent appellant bħala mħallef fid-dawl ta’ dak li jiddisponi l-Kodiċi tal-Etika għall-Membri tal-Ġudikatura, filwaqt li fit-tieni każ il-mertu dibattut kien jekk il-fatt li r-rikorrent, minkejja li hu kien ġie mgħarraf formalment mill-Kummissjoni b’din l-inkompatibilita` u ngħata direzzjoni biex jirregola ruħu (u

xorta waħda deherlu li jżomm dik il-ħatra minkejja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni), joħloqx każ *prima facie* ta' mġiba ħażina li tagħti lok għat-tneħħija tiegħu minn imħallef skont l-artikolu 97[2] tal-Kostituzzjoni.

48. Għalhekk din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, ma tarax li teżisti preokkupazzjoni valida li dan il-membru ma kienx, fil-fatt u fid-dehra, imparzjali jew li iddeċieda b'mod parzjali kemm mil-lat soġġettiv kif ukoll mil-lat oġġettiv ta' kif jitkejjel l-element ta' imparzjalita` kif imħaddem u mħares mill-qrati. Lanqas ma jista' jingħad li kien jeżisti dubju leġittimu dwar dan, tenut kont li l-merti in diskussjoni kienu differenti.

49. Ir-rikorrent jissottometti li l-akkuża kontenuta fil-mozzjoni li hu «*injora*» direttiva tal-Kummissjoni mogħtija fis-sena 2007 hija konsegwenza tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni f'dik is-sena u allura hija tabilfors konnessa mal-istess. Din il-Qorti tosserva li, għalkemm huwa minnu li l-akkuża fil-mozzjoni hija, parzjalment, il-konsegwenza tad-deċiżjoni li ttieħdet fis-sena 2007, iżda dan ma jimmilitax kontra dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u ċioe` li l-mertu tad-deċiżjoni tal-2007 u l-mertu dibattut mill-Kummissjoni riżultat tal-mozzjoni huwa differenti, għax f'dan l-aħħar każ, mgħadhiex aktar in diskussjoni l-kwistjoni dwar l-inkompatibilita` taż-żewġ karigi miżmuma mir-rikorrent – dan il-fatt diga ġie deċiż – imma dak li hu dibattut huwa l-aġir tar-rikorrent, konsistenti fil-fatt li għal tul ta' żmien ma qagħadx għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-sena 2007 u għar-rikjam li kien sarlu mill-istess Kummissjoni biex jirregola l-qagħda tiegħu.

50. Huwa l-mertu ta' dak ir-rikjam il-fattur prinċipali f'dan il-kaz u li kellu jiggwida lil dan il-membru, u lil kull membru tal-Kummissjoni, jekk kienx hemm lok li tintlaqa' t-talba tar-rikuża tiegħu magħmula mir-rikorrent a tenur tal-artikolu 101A[4][b] tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 734[1][d][ii] tal-Kapitolu 12. Fiċ-ċirkostanzi, la ma kinux jissussitu raġunijiet validi fil-liġi sabiex dan il-membru jastjeni jew jiġi rikużat u mibdul b'ħaddieħor, kien id-dmir tal-istess membru li jibqa' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-Kummissjoni. Huwa sinifikativ li ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tar-rikuza tar-

rikorrent quddiem il-Kummissjoni ittieħdet mill-komponenti kollha tal-Kummissjoni li dak inhar kienu jagħmlu parti minnha.

51. Dwar il-punti l-oħrajn sollevati mir-rikorrent, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

52. Għar-rigward tal-fatt li l-membru in kwistjoni, li kien ilu jservi fuq il-Kummissjoni mis-sena 1994[11], kien reġa' ġie nominat mill-Prim Ministru li inzerta kien l-istess Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti li ressaq il-mozzjoni, il-Qorti tosserva li dan l-ilment jindirizza prinċipalment il-ħatra ta' kull membru tal-Kummissjoni skont l-artikolu 101A [1] [e] tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li żewġ membri tal-Kummissjoni jinħatru, wieħed mill-Prim Ministru u l-ieħor mill-Kap tal-Oppożizzjoni. Issa, għalkemm huwa minnu li dawn iż-żewġ ħatriet isiru minn nies fil-kamp politiku, għax hekk trid il-Kostituzzjoni, min-naħa l-oħra l-istess Kostituzzjoni tgħid *espressis verbis* u timponi fuq dawn il-membri hekk nominati l-obbligu li jaġixxu «*skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra*». Għal din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, dan ifisser li l-Kostituzzjoni trid li għalkemm il-membri tal-Kummissjoni jkunu nominati minn persuni, fosthom dawk fil-kamp politiku, il-membri kollha tal-Kummissjoni huma mistennija li jkunu indipendenti fil-ġudizzju individwali tagħhom, u ma jkunux ir-rapprezentant ta' min jinnominahom jew ta' xewqatu jew tal-fehmiet tiegħu.

53. Għalhekk, fil-kaz preżenti l-fatt li l-Imħallef Caruana Colombo kien nominat mill-Prim Ministru, ma jfissirx li dan kien qed jirrappreżenta lill-Prim Ministru fil-Kummissjoni, imma għandu l-obbligu, skont il-Kostituzzjoni, li jaġixxi b'imparzjalita` skont il-ġudizzju individwali tiegħu ħieles minn kull direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` ohra.

---

[11] Mill-provi jirriżulta li l-Imħallef Caruana Colombo kien ġie nominat bħala membru tal-Kummissjoni fis-sena 1994, minn mindu din twaqqfet. Dak iż-żmien huwa kien elett mill-imħallfin kollegi tiegħu, u wara li rtira bl-eta' fis-sena 1998 kien ġie nominat mill-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien l-Onor. Edward Fenech Adami. Sussegwentement in-nomina tiegħu reġgħet iġġeddet din id-darba mill-Prim Ministru l-Onor. Lawrence Gonzi.

54. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' bħala tajjeb l-ilment tar-rikorrent li l-ħatra tal-Imħallef Caruana Colombo u l-fatt li l-mozzjoni tressqet mill-Prim Ministru li nzerta li kien innominah jimmina l-imparzjalita` ta' dan il-membru.

55. Ir-rikorrent jilmenta wkoll li l-fatt li mhux eskluż li l-istess membru jerġa' jiġi nominat mill-Prim Ministru wara li jiskadi l-perjodu tal-ħatra tiegħu, jxejjen l-imparzjalita` tiegħu. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-perjodu ta' erba' snin mhuwiex daqshekk qasir li jxejjen l-element ta' imparzjalita` tal-Imħallef Caruana Colombo, jew ta' kull membru iehor, fuq il-Kummissjoni.

56. Inoltre, huwa fatt magħruf li dan il-membru għamel snin twal iservi bhala ġudikant, kemm bħala maġistrat kif ukoll bħala mħallef fil-qrati ta' Malta, u ma jirriżultax li hemm xi fatti li jagħtu lok għal dubju leġittimu dwar il-mod integru li bih wettaq dawk il-ħatriet jew dwar l-imparzjalita` tieghu, kemm oġġettiva, u aktar u aktar dik soġġettiva. Anzi l-Qorti hi tal-fehma li l-ħatra fuq il-Kummissjoni ta' ġudikant irtirat tispira fiduċja u tagħti lill-Kummissjoni fil-funzjoni tagħha bħala awtorita` regolatriċi ġudikanti dehra aħjar ta' indipendenza u imparzjalita`.

57. Jinsab ritenut mill-Qorti Ewropea li:

*"The presence of legally qualified or judical members is a strong indication of independence."*[12] *"The mere fact that a minister appoints members does not pose a problem since in many systems judges are appointed on the approval of ministers of justice. However the irremovability of judges is in general a corollary of their independence. .......... [However] the lack of this guarantee is not necessarily fatal if is not apparent that a problem arises in practice. Fixed terms are also regarded as a guarantee if long enough"*[13].

---

[12] Karen Reid fil-ktieb: "A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights"( 4th Edit ,.pg.160) b' referenza ghal-kaz Le Compte v Belgium
[13] Q.E.D.B. **28.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Campbell and Fell v Renju Unit*** (Applik. Nru. 7819/77; 7878/77) § 79

58. Fir-rigward tal-aggravju, in kwantu huwa dirett lejn il-parteċipazzjoni tal-Avukat Dottor Reuben Balzan *qua* President tal-Kamra tal-Avukati fil-każ tar-rikorrent quddiem il-Kummissjoni, l-ilment tar-rikorrent huwa li dan għandu konnessjonijiet kbar ma' esponenti tal-Partit Nazzjonalista, fosthom l-Onor. Dottor Simon Busuttil, u li dan, flimkien mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, talbu b'mod voċiferu u fil-pubbliku għar-riżenja tar-rikorrent mill-kariga ta' mħallef.

59. Ir-rikorrent jgħid *"Hu ovvju li jekk jien partitarju kbir ta' Partit irid jiġbed il-ħabel tiegħu!»* Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument għax il-pożizzjoni tal-Avukat Balzan trid titqies u tiġi eżaminata mill-ottika legali. Anke jekk l-Avukat Balzan huwa, fi kliem ir-rikorrent, partitarju kbir ta' partit politiku u jimmilita fih dan ma jeħilsux bħala membru tal-Kummissjoni mill-obbligu tiegħu li jiddeċidi skont il-ġudizzju individwali tieghu u meħlus minn kull direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` oħra. Mhuwiex ovvju, u lanqas hu legali, li l-Avukat Balzan *qua* membru *ex officio* tal-Kummissjoni għandu jqiegħed il-lejalta lejn xi possibbli affiljazzjoni politika tiegħu u jiġbed il-ħabel ta' dak il-partit qabel il-lejalta` lejn il-ġurament li huwa ħa u l-obbligi li l-Kostituzzjoni tqiegħed fuqu fil-kwalita` tiegħu ta' membru tal-Kummissjoni u għaż-żmien kollu li dan idum hekk iservi fi ħdanha. Hu mhuwiex jagħmel parti mill-Kummissjoni bħala membru ta' partit politiku, iżda huwa membru nominat *ex officio* fil-kwalita` tiegħu ta' President tal-Kamra tal-Avukati, u jirrappreżenta lill-kategorija tal-avukati kollha, u għalhekk l-affiljazzjoni tieghu ma' partit politiku jew xi esponenti ewlenin tiegħu hija, għal dan il-għan, irrelevanti.

60. Inoltre, kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti, ma hemmx prova jew saret xi allegazzjoni li dan il-membru esprima ruħu b'xi mod fir-rigward tal-mozzjoni, jew dwar ir-rikorrenti. Fid-depożizzjoni tiegħu l-Avukat Balzan jgħid espressament : *«Jien qatt ma ddiskutejt ma' Dr.Busuttil dwar il-kaz »*.

61. Finalment, huwa sinifikattiv kif anke fir-rigward ta' dan il-membru l-Kummissjoni unanimament ċaħdet l-

eċċezzjoni tar-rikuża mressqa quddiemha mir-rikorrent appellant.

62. Għaldaqstant il-Qorti ssib li dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa nfondat.

***It-tieni aggravju tal-appell principali***

63. Dan jirrigwada «*l-akkorċjament tat-termini*» fissati mill-Kummissjoni.

64. Fl-appell tiegħu r-rikorrent fisser dan l-aggravju b'dan il-mod: «*It-termini akkorċjati u mgħaġġla fissati mill-Kummissjoni, konsidrati l-implikazzjonijiet tal-każ għall-esponenti, ex facie, huma indikattivi illi lill-esponenti ma ġiex akkordat żmien suffiċjenti u raġonevoli sabiex huwa jistudja sewwa l-każ u l-akkużi rinfaċċjati lilu, jipprepara kif jixraq d-difiżi tiegħu, u jagħmel ir-riċerki neċessarji għas-sostenn tal-istess* ».

65. Illi l-ewwel Qorti osservat li t-termini kienu irraġjonevolment qosra, iżda xorta waħda irriżulta li r-rikorrent seta' jikkonduċi d-difiża tiegħu adegwatament.

66. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet :

67. Rigward it-terminu ta' għaxart ijiem mogħti lir-rikorrent sabiex jirrispondi għall-akkużi kontenuti fil-mozzjoni, ma jistax jingħad li dan kien wieħed qasir b'mod li r-rikorrent ma setax jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Inoltre, għalkemm saru diversi seduti sussegwenti għall-preżentata tar-risposta tiegħu, ma rriżultax li saret xi talba mir-rikorrent sabiex dan jippreżenta risposta ulterjuri. Huwa relevanti l-fatt li, għalkemm il-każ quddiem il-Kummissjoni beda jinstema' fit-3 ta' Jannar 2013, id-deċiżjoni ngħatat fis-6 ta' Jannar 2014, u għalkekk ir-rikorrent kellu żmien u opportunita` biżżejjed sabiex jistudja u jipprepara d-difiża tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, hija tal-fehma li f'dan ir-rigward ir-rikorrent ma ġarrab l-ebda pregudizzju fil-jedd tiegħu li jiddefendi l-każ tiegħu kif meħtieġ.

68. Rigward it-terminu ta’ tlett ijiem akkordat sabiex il-partijiet jagħmlu nota ta’ sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni tar-rikuża, għalkemm dan it-terminu kien tabilħaqq wieħed qasir, iżda mill-banda l-oħra, għandu jiġi ikkunsidrat il-fatt li minħabba li l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni kienet magħrufa, ir-rikorrent kien jaf minn qabel bl-eċċezzjoni li kien ser jagħmel, u li fil-fatt għamel fir-rigward taż-żewġ membri tagħha partikolari, u dan iwassal għall-presuppost li r-riċerka u l-bażi legali għal din l-eċċezzjoni saret qabel ma tressqet meta beda s-smigħ tal-proċeduri quddiemha. Għalhekk din il-Qorti hawn ukoll ma tarax li r-rikorrenti ġarrab preġudizzju fir-rigward.

69. Fir-rigward tat-terminu ta’ għaxar minuti akkordati mill-Kummissjoni sabiex ir-rikorrent jeżamina d-deċizjoni motivata tagħha dwar ir-rikuża, din il-Qorti tosserva li l-liġi ma tipprevedi l-ebda appell minn digriet ta’ rikuża meħud mill-Kummissjoni, u għalhekk f’dak l-istadju ma kien għad fadal xejn aktar li seta’ legalment isir quddiem il-Kummissjoni fir-rigward. L-għaxar minuti konċessi lir-rikorrent u lid-difensuri tiegħu mill-Kummissjoni kienu sabiex dan jieħu konjizzjoni tal-kontenut tal-provvediment (li ma nqarax kollu waqt is-seduta tal-Kummissjoni), u mhux sabiex ir-rikorrent ikun jista’ jipprepara d-difiża tiegħu fuq il-każ.

70. Għaldaqstant, din il-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll huwa nfondat

***It-tielet aggravju tal-Kummissjoni***

71. Dan jirrigwarda l-osservazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti li ż-żmien mogħti lir-rikorrent appellant sabiex jipprepara d-difiża tiegħu kien wieħed qasir.

72. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li dan l-aggravju, ghalkemm il-mertu tiegħu kien jifforma parti mill-appell prinċipali u għalhekk din il-Qorti ġja pronunzjat ruħha fuqu aktar ’il fuq, huwa inammissibbli bħala aggravju tal-Kummissjoni, stante li mhux legalment ammess li jsir appell jekk mhux mill-parti dispożittiva ta’ sentenza.

73. Għaldaqstant mhux il-każ li tippronunzja ruħha ulterjorment.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appelli inċidentali** tal-intimati billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-appell prinċipali** tar-rikorrent billi ma ssibx li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq dwar l-ilmenti mressqin minnu f'din il-kawża; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-ewwel istanza** jibqgħu kif determinati mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-intimati jħallsu solidalment bejniethom l-ispejjeż marbuta mal-appelli inċidentali u r-rikorrent appellant dawk marbuta mal-appell prinċipali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------